**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D, LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, 29 ta' Jannar 2021**

**Rikors Guramentat numru:- 60/2014 BS**

**Michael Vella f'ismu proprju u bhala mandatarju ta' huh imsiefer Eucharist sive Chris Vella**

**vs**

**Salvu Vella; Rita Attard; Carmel Vella u Dr Joseph Grech li b'digriet tad-29 ta' Awwissu 2014 gie nominat kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-imsefrin Fortunato Vella, Mary Borg u Joseph Vella**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat fejn l-atturi ppremettew:

1. Illi Guzepp Vella, bin Salvatore u Michelina nee' Bajada, miet fix-Xaghra, Ghawdex fis-27 ta' Mejju 2006;

2. Illi Guzepp Vella rregola s-successjoni tieghu bis-sahha ta' testment unika karta ma' martu Francesca Saveria Vella, fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tal-21 ta' Frar 1985, fejn, wara li halla xi legati lil Carmelo Vella u lil Salvu Vella, innomina bhala eredi universali tieghu lil uliedu Fortunato, Guzeppi, Maria Borg, Michael, Rita u Eucharist;

3. Illi Francesca Saveria Vella, gia' armla ta' Guzepp Vella, bint Fortunato Gatt u Caterina nee' Sultana, mietet fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar elfejn u tlettax (2013);

4. Illi Francesca Saveria Vella rregolat is-successjoni taghha bit-testment hawn fuq iccitat kif sussegwentement emendat bis-sahha ta' testment iehor fl-atti tan-Nutar Silvio Hili tal-4 ta' Settembru 1999, fejn halliet b'titolu ta' legat diversi mmobbli lil kull wiehed u wahda minn uliedha, inkluz lir-rikorrenti Michael u Eucharist Vella porzjon art kull wiehed mir-raba maghruf "Ta' Fuq l-Ghejjun" fil-limiti tax-Xaghra, Ghawdex. Din l-art ghandha tittella' bix-xorti bejn dawn it-tnejn u l-intimati Fortunato Vella, u Maria Borg minn fost l-erba' porzjonijiet art indikati bl-ittri "F", "G", "H" u "I" fuq il-pjanta annessa bhala Dokument FSV ma' dan l-istess testment. It-testatrici ddikjarat li hija taf li l-artijiet imhollija b'legat kienu gew akkwistati *durante conjugio* ma' zewgha imma ordnat li l-prelegat ghandu jigi percepit fl-intier tieghu.

5. Illi b'erba' noti pprezentati fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti fl-10 ta' Jannar 2014, ir-rikorrenti rrinunzjaw ghall-wirt u successjoni ta' kull wiehed u wahda mill-genituri taghhom u minflok ghazlu li jithallsu l-porzjoni rizervata fuq dak l-istess wirt, b'dan li fit-termini tal-Artikolu 620(5) tal-Kodici Civili kull wiehed minnhom accetta l-legat ordnat favur tieghu, liema legat ghandu jittiehed akkont tad-drittijiet taghhom ghal tali porzjoni rizervata.

6. Illi bis-sahha ta' ittra ufficjali pprezentata fir-registru ta' din l-istess Qorti f'Marzu 2014, ir-rikorrenti talbu lill-intimati jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tal-porzjoni rizervata spettanti lilhom fuq il-wirt u successjoni ta' kull wiehed mill-genituri taghhom, imma t-talba taghhom intlaqghet b'rifjut assolut, specjalment minn Salvu Vella, u dan minkejja li r-rikorrenti urew id-disponibbilta' taghhom li jaslu f'xi forma ta' tranzazzjoni ma' huthom. Hekk ukoll, l-intimati qeghdin jirrifjutaw li jimmettu lir-rikorrenti fil-pussess tal-prelegat ordnat favur taghhom mill-genituri taghhom.

7. Illi fit-termini tal-Artikolu 615 tal-Kodici Civili, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu wkoll il-hlas lilhom tal-interessi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-ammont dovut lilhom bhala tali hlas. Fir-rigward

tal-wirt ta' Guzepp Vella, dawn l-imghaxijiet huma pagabbli b'effett mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali ta' Marzu 2014, mentri fir-rigward tal-wirt ta' Francesca Saveria Vella, l-imghaxijiet huma pagabbli mid-data tal-mewt.

Talbu li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tillikwida l-beni diga' formanti l-komunjoni tal-akkwisti tal-mejtin Guzepp u Francesca Saveria Vella billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk il-beni u assi illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Tiddividi din il-komunjoni tal-akkwisti f'zewg porzjonijiet ugwali illi jigu assenjati wahda kull wiehed lill-assi partikolari ta' Guzepp Vella u lill-assi partikolari ta' Francesca Saveria Vella;

3. Tillikwida l-beni partikolari ta' Guzepp Vella billi tiddikjara illi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilu kif fuq inghad, u dawk l-assi parafernali illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Tordna l-immissjoni fil-pussess favur l-attur tal-artijiet imhollija lilhom bi prelegat kif fuq inghad u dan billi, okkorrendo, tordna li l-erba' porzjonijiet imhollija bi prelegat lill-atturi u lill-intimati Fortunato Vella u Maria Borg jittellghu bix-xorti bejn l-erba' prelegatarji;

5. Tiffissa l-jum u hin u lok li fihom ghandu jigi ppubblikat l-att ta' immissjoni fil-pussess, ad opera ta' Nutar nominand, u bl-intervent ta' kuratur deputat sabiex jidher fl-interess tal-eventwali kontumaci fuq l-att. L-ispejjez ta' dan l-att ghandhom, fit-termini tal-artikolu 726(3) jithallsu mill-atturi, ad eccezzjoni tad-dritt eventwalment dovut lill-kuratur deputat – liema dritt, fid-dawl tar-rifjut ingustifikat tal-intimati li jersqu bonarjament ghall-immissjoni fl-pussess, ghandu jigi akkollat lill-istess konvenuti.

6. Tillikwida l-porzjoni rizervata lill-atturi fuq l-assi ereditarji ta' Guzepp Vella, u dan billi jittiehed il-valur komplessiv tal-assi tad-

decujus u jigi akkreditat nofs il-valur tal-art imhollija bi prelegat lill-atturi, u tordna illi l-istess porzjoni rizervata tithallas lilhom mill-konvenuti, bl-interess fuq is-somma dovuta b'effett mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali ta' Marzu 2014 sad-data tal-pagament effettiv;

5. Tillikwida l-beni partikolari ta' Francesca Saveria Vella billi tiddikjara illi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilha kif fuq inghad, u dawk l-assi parafernali illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

6. Tillikwida l-porzjoni rizervata lill-atturi fuq l-assi ereditarji ta' Francesca Saveria Vella, u dan billi jittiehed il-valur komplessiv tal-assi tad-decujus u jigi akkreditat nofs il-valur tal-art imhollija bi prelegat lill-atturi, u tordna illi l-istess porzjoni rizervata tithallas lilhom mill-konvenuti, bl-interessi fuq is-somma dovuta b'effett mid-data tal-mewt ta' Francesca Saveria Vella sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal- ta' Marzu 2014, kontra l-konvenuti, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa l-konvenuti ngunti.

Rat ir-risposta guramentata tal-avukat Dottor Joseph Grech illi eccepixxa:

1. Illi huwa gie nominat permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tad-29 ta' Awwissu, 2014 sabiex jirraprezenta lill-imsiefrin Fortunato Vella, Mary Borg u Joseph Vella;

2. Illi l-esponenti ghadu ma huwiex edott mill-fatti tal-kaz;

3. Illi madanakollu l-esponenti qieghed minn issa jirriserva li jressaq dawk l-eccezzjonijiet kollha kif ukoll dawk il-provi kollha li jistghu jirrizultaw necessarji matul il-kawza skont il-ligi.

Rat ir-risposta guramentata ta' Saviour sive Salvu Vella u Rita Attard illi eccepew:

1. Illi preliminarjament jinghad li l-intimat Saviour sive Salvu Vella ma huwiex werriet ta' missieru Joseph Vella u dan skont ma jirrizulta mit-testment datat 21 ta' Frar, 1995 atti Nutar Michael Refalo (Dok. G). Konsegwentement it-talbiet tar-rikorrenti kif diretti lejh ghas-sehem riservat spettanti lilhom mill-gid tad-decujus Joseph Vella ghandha tigi rigettata u l-intimat Salvu Vella ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju f'dan ir-rigward.

2. Illi ghar-rigward tal-mertu, u minghajr pregudizzju ghal dak li nghad hawn fuq, l-intimati qatt ma opponew ghall-fatt li r-rikorrenti jiehdu s-sehem riservat spettanti lilhom mill-wirt tal-ġenituri taghhom. Fil-kaz tal-intimat Saviour sive Salvu Vella mill-wirt ta' ommu Francesca Saveria Vella u fil-kaz ta' l-intimata Rita Attard mill-wirt tal-genituri taghha Joseph u Francesca Saveria konjugi Vella. Basta pero' li qabel ma tigi stabbilita l-konsistenza tal-assi rispettivi tad-decujii, ghall-fini ta' komputazzjoni tas-sehem riservat, tigi rispettata l-volonta tad-decujii ghar-rigward tal-legati moghtija b'titolu ta' hlas minnhom lill-intimati odjerni ghas-servigi, kuri u assistenzi minnhom prestati lid-decujii tul medda twila ta' snin. Dawn il-legati ghaldaqstant ghandhom jitqiesu bhala passiv ghall-eredita' u konsegwentement ma ghandhomx jigu kkalkulati fil-komputazzjoni tal-konsistenza ta' l-assi.

3. F'kull kaz, peress li d-decujii Joseph Vella u martu Francesca Saveria Vella gew neqsin fis-27 ta' Mejju, 2006 u fit-28 ta' Jannar, 2013 rispettivament allura s-sehem riservat ghandu jitqies bhala kreditu u konsegwentement, il-komputazzjoni ta' l-assi, wara li jitnaqqsu d-debiti relattivi kif hawn fuq spjegat, ghandha ssir bil-valur taghhom fil-jum tal-mewt taghhom. In oltre, ma huwiex il-kaz li jibdew jiddekorru mghaxijiet fuq l-ammont talvolta likwidat salv mid-data tal-ghoti tas-sentenza minn din l-Onorabbli Qorti u dan peress li dan l-ammont tas-sehem riservat ma kienx facilment identifikabbli fil-bidu tal-proceduri u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

4. Illi fir-rigward ta' l-immissjoni fil-pussess tal-prelegati mhollija lir-rikorrenti, dan ma huwiex jigi kkontestat. Tali prelegati ghandhom jiqiesu ghall-fini ta' komputazzjoni tas-sehem riservat bhala dejn tal-wirt tad-decujii konjugi Vella u konsegwentement, wara li jigi

stabbilit il-valur ta' dawn il-prelegati, dan ukoll, flimkien mal-passiv l-iehor, ghandu jitnaqqas mill-valur tal-konsistenza tal-assi fid-data tal-mewt tad-decujii. Illi l-intimati ma ghandhomx jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez talvolta dovuti lill-kuratur deputat f'dan ir-rigward u dan kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt permissibbli mil-ligi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat ir-risposta guramentata ta' Carmel Vella illi eccepixxa:

1. Illi in kwantu jirrigwarda s-sehem rizervat spettanti lir-rikorrenti fuq l-eredita' ta' missierhom Joseph Vella li miet nhar is-Sibt, 27 ta' Mejju 2006 l-esponenti gie citat inutilment u m'hu obbligat li jhallas l-ebda sehem rizervat lir-rikorrenti fuq l-eredita' ta' missierhom. Dan ghas-semplici raguni li fl-ahhar testment li ghamel Joseph Vella fil-21 ta' Frar 1995, l-esponenti ma kienx gie nominat werriet;

2. Illi in kwantu jirrigwarda l-hlas tas-sehem rizervat dovuta mill-esponenti lir-rikorrenti fuq l-eredita' ta' ommhom Francesca Saveria Vella kif wkoll sabiex issir l-immissjoni fil-pussess tal-legati mhollija mit-testatrici lir-rikorrenti, l-esponenti qatt ma rrifjuta li huwa jhallas is-sehem dovut minnu jew inkella li jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv ta' l-immissjoni fil-pussess. Ghar-rigward is-sehem rizervat huwa dejjem ghamilha cara li r-rikorrenti kellhom jindikaw l-ammont li kienu qeghdin jippretendu bhala sehem rizervat fuq il-wirt ta' ommhom kif wkoll jindikaw kif waslu ghal tali ammont. Per konsegwenza ghalhekk sa fejn jikkoncerna l-esponenti huwa m'ghandux ibati spejjez ta' din il-kawza;

3. Illi fil-kalkolu li jrid isir sabiex jigi kalkolat is-sehem rizervat spettanti lir-rikorrenti, m'ghandhomx jittiehdu in kunsiderazzjoni l-prelegati li thallew lill-esponenti bis-sahha tat-tieni artikolu tat-testment tal-erbgha (4) ta' Dicembru 1999 pubblikat fl-atti tan-Nutar Silvio Hili, precizament l-prelegati li jikkoncernaw l-art maghrufa bhala "Tad-Dabrani" limiti taz-Zebbug, Ghawdex tal-kejl

ta' cirka mija u sebgha u tmenin metri kwadri (187mk.), l-art maghrufa bhala "Tal-Fellies" fil-limiti tax-Xaghra, Ghawdex tal-kejl ta' cirka mija u sebgha u tmenin metri kwadri (187mk) u l-art maghrufa bhala "Tal-Maghqad" limiti tax-Xaghra, Ghawdex tal-kejl ta' cirka mija u sebgha u tmenin metri kwardi (187mk). Dan ghar-raguni li dan il-legat kien wiehed remuneratorju ghas-servigi, kuri u assistenzi li l-esponenti rrenda lill-istess testatrici. Iridu jigu eskluzi wkoll il-prelegati li thallew lil Salvu Vella u Rita Attard permezz tat-tielet u r-raba' artikolu tat-testment tal-4 ta' Dicembru 1999 stante li dawn huma prelegati remuneratorji;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

5. B'riferenza ghal kull paragrafu tar-rikors guramentat, imbaghad, l-esponenti ghandu s-segwenti x'jirrileva:

(a) Illi l-ewwel paragrafu mhux kontestat stante li tali nformazzjoni tirrizulta mic-certifikat tal-mewt anness mar-rikors guramentat;

(b) Illi ghar-rigward it-tieni paragrafu, mhux korrett li jinghad li Joseph Vella irregola l-wirt u s-successjoni tieghu b'testment tat-28 ta' Ottubru 1985. Joseph Vella irregola l-wirt u s-successjoni tieghu bis-sahha ta' testment datat wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar 1995 pubblikat fl-atti tan-Nutar Michael Refalo;

(c) Illi t-tielet paragrafu mhux kontestat stante li tali nformazzjoni tirrizulta mic-certifikat tal-mewt anness mar-rikors guramentat;

(d) Illi r-raba' paragrafu lanqas m'huwiex qieghed jigi kontestat stante li l-informazzjoni hemm kontenuta tirrizulta mill-istess testment fl-4 ta' Settembru 1999. Jigi rilevat biss li dan it-testment mhux indikat fir-ricerki tat-testmenti pubblici ta' Francesca Saveria Vella. L-ahhar testment li hemm indikat li ghamlet l-istess Francesca Saveria Vella huwa dak tal-hdax (11) ta' April 1987 fl-atti tan-Nutar Michael Refalo (GI 403/1987);

(e) Illi l-hames paragrafu lanqas qieghed jigi kontestat peress li huwa minnu li r-rikorrenti rrinunzjaw ghall-wirt u s-successjoni

tal-genituri taghhom kif sewwasew jirrizulta mid-dokumenti annessi mar-rikors guramentat;

(f) Illi s-sitt paragrafu huwa kontestat stante li mhux minnu li l-esponenti rrifjuta li jersaq ghal-likwidazzjoni u l-hlas tas-sehem rizervat dovut lir-rikorrenti jew inkella li naqas li jersaq sabiex jigu pubblikati l-kuntratti tal-immissjoni fil-pussess. L-esponenti kien u ghadu dispost li jhallas is-sehem tieghu dovut lir-rikorrenti bhala s-sehem rizervat spettanti lilhom fuq l-eredita' ta' ommhom, purche' li jsiru l-konteggi propizji u jigi kwantifikat l-ammont dovut. Kif gia' senjalat pero' fil-konteggi ghal-likwidazzjoni tas-sehem rizervat m'ghandhomx jidhlu l-prelegati remuneratorji li thallew lill-esponenti u lill-intimati l-ohra;

(g) Illi t-talba ghall-hlas tal-interessi hija wkoll kontestata. Ghar-rigward il-porzjon rizervata fuq il-wirt ta' Joseph Vella, l-esponenti m'huwa obbligat ghall-ebda hlas ta' xi sehem rizervat u per konsegwenza ghall-ebda hlas ta' interess in vista li huwa mhux werriet ta' Joseph Vella. Ghar-rigward it-talba ghall-hlas ta' interessi fuq il-porzjoni rizervata fuq il-wirt ta' Francesca Saveria Vella, tali ammont ghadu sal-lum il-gurnata mhux likwidat. Per konsegwenza ghalhekk ma jistax jinghad li l-interessi bdew jiddekorru mid-data tal-mewt tal-istess Francesca Saveria Vella. Se mai tali interessi jistghu biss jibdew jiddekorru mid-data ta' likwidazzjoni tal-ammont u mhux qabel;

(h) Illi in vista tas-suespost, l-esponenti ghalhekk m'ghandu jbati l-ebda spejjez ta' din il-kawza.

Rat li din il-kawza giet assenjata lilha wara li kienu ngabru l-provi kollha u kienet thallet ghas-sentenza finali minn din il-Qorti diversament preseduta;

Rat illi l-partijiet wara li nghataw il-fakolta illi jitrattaw il-kaz quddiem din il-Qorti kif prezentement preseduta ghazlu li jistriehu fuq l-atti u n-noti minnhom gia pprezentati.

Rat illi l-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghas-seduta tad-29 ta' Jannar, 2021.

Rat l-atti u x-xhieda kollha.

**Ikkunsidrat.**

F'din il-kawza l-atturi filwaqt li jaghmlu referenza ghat-testment unica carta li sar mill-genituri taghhom Joseph u Francesca Saveria Vella fil-21 ta' Frar, 1995, kif ukoll ghat-testment illi ghamlet ommhom wahedha, liema testment igib id-data 4 ta' Settembru 1999, jghidu li filwaqt li huma rrinunzjaw ghall-wirt pero' qed izommu ferm id-dritt ghas-sehem rizervat.

Jghidu illi nnotifikaw lill-konvenuti permezz ta' ittra ufficjali pprezentata f'Marzu, 2014 sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tas-sehem rizervat, izda dawn injorawhom. Jghidu illi huma kienu disposti li jintlahaq ftehim izda l-konvenuti specjalment Salvu Vella ma riedx. Minhabba f'hekk qed jippretendu wkoll il-hlas ta' l-imghax bit-8%.

L-atturi qed jitolbu lill-Qorti sabiex filwaqt li tillikwida l-beni tal-genituri taghhhom, tikkondividi l-komunjoni ta' l-akkwisti u tordna l-immissjoni fil-pussess tal-prelegati mhollija lilhom kif ukoll tiddetermina s-sehem rizervat dovut.

Il-konvenuti min-naha l-ohra jilqghu ghal dawn it-talbiet billi preliminarjament Salvu Vella u Carmel Vella jghidu li huma ma humiex werrieta ta' missier Joseph u ghalhekk ma humiex legittimi kontradittur safejn ghandu x'jaqsam kwistjonijiet relatati ma 'dak il-wirt. Fejn jirrigward l-wirt ta' l-omm imbaghad il-konvenuti kollha jsostnu li huma qatt ma kienu kontra li jithallas is-sehem rizervat sakemm l-atturi jiggustifikaw l-ammont minnhom pretiz u sakemm tkun rispettata l-volonta' tat-testaturi genituri taghhom.

Isostnu li ebda mghax ma hu dovut gia la darba huma qatt ma opponew il-hlas tas-sehem rizervat. Jghidu wkoll li ma humiex qed jopponu l-immissjoni fil-pussess, b'dan pero' li l-prelegati mhollija ghall-kura u servigi ma ghandhomx jitqiesu wkoll ai fini ta' komputazzjoni tas-

sehem riservat. Jghidu wkoll li huma lanqas ma ghandhom jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez tal-kuratur deputat.

**Ikkunsidrat**

**Provi.**

**Xhieda.**

Peress illi dan il-process huwa kopjuz, infatti fih 834 faccata, bid-dokumenti u xhieda migbura, il-Qorti ser tghaddi sabiex taghmel riassunt biss ta' dik ix-xhieda illi fl-opinjoni taghha hija rilevanti sabiex jigi deciz dan il-kaz.

**Jane Cardona**, *helper*, permezz ta' affidavit[1] tghid illi hija kienet tmur u tnaddaf fid-djar ta' l-anzjani. Wahda minn dawn id-djar kienet tal-konjugi Vella, il-genituri tal-partijiet f'din il-kawza. Tghid illi kienet tmur ghandhom madwar hames sighat fil-gimgha.

Rigward il-missier tghid illi dejjem tiftakru *bedridden* u li kien jiddepenedi ghal kollox fuq uliedu Salvu u Rita u li dawn kienu jkunu dejjem id-dar mieghu. Tghid illi kellu pajp minn imniehru sabiex jiekol. Gieli kien jkun liebes l-ingwanti biex ma jaqlax il-pajp minn fejn kien. Imbaghad kellu wkoll pajp minn go zaqqu u anke *catheter*. Kien ibati wkoll minn *dementia*.

Tkompli tghid li fil-kamra tas-sodda tal-genituri kien hemm sodda ohra li fuqha kien jorqod Salvu. Tghid li Salvu, Rita u ommhom Frangiska biss kienu jikkommunikaw mal-missier billi hu ma kienx jitkellem u hadd hliefhom ma kien jifhmu.

Tghid li Salvu u Rita kienu jiehdu hsieb missierhom sewwa hafna billi kienu jaghmlulu kollox. Minbarra lil missierhom kienu wkoll jghinu lil ommhom ghax ghalkemm ma kinitx maghdura daqs il-missier xorta kellha bzonn l-ghajnuna. Hija kien fiha mara u tbati b'irkubtejha u kienet tehtieg min iqandilha biex ticcaqlaq minn post ghall-iehor.

[1] A fol 63 sa fol64 tal-process

Tkompli li d-dar ghand il-konjugi Vella kien ikun hemm biss Salvu u Rita u hadd aktar minn huthom.

**In kontro ezami** tghid[2] li damet tmur ghand il-konjugi Vella madwar seba' snin u kienet tmur tliet darbiet fil-gimgha. Ma' missier il-kontendenti qatt ma tkellmet ghax ma kienx jithadded. Kien jaghmel sinjali b'halqu u kienu jifmuh biss Salvu u Rita. Kienet tmur tahsel l-art u tfarfar. Tghid li kienet tara lil Salvu u lil Rita jahslu lil missierhom. Tafferma li kienu jaghtuh ikel likwidu permezz ta' *drip set*.

Mistoqsija jekk il-mara tal-konvenut Carmelo Vella kinitx twassal lil Frangiska l-Isptar ix-xhud tichad u tghid li Salvu kien jiehu hsieb kollox. Tghid ukoll li hija xoghol hemm kienet tmur dejjem fil-ghodu bejn id-9.00 u il-11.00 ta' filghodu.

**L-attur Michael Vella** permezz ta' affidavit[3] jghid li missieru w ommu ghamlu testment unica charta fil-21 ta Frar, 1995 u mbaghad ommu ghamlet testment iehor fl-4 ta' Settembru, 1999.

Jghid li l-immobbli li kellhom il-genituri tieghu kienu dar fi Triq Ghejjun, Xaghra bir-raba maghha, li kienet taghmel parti mill-kommunjoni ta' l-akkwisti tal-genituri tieghu. Barra minn dawn kien hemm ukoll bicca raba Tad-Dabrani, limiti Zebbug, bicca raba' tal-Fellies, limiti Xaghra u bicca raba' Tal-Maghqad, limiti Xaghra.

Jafferma illi hu u hutu ghamlu zmien emigrati u Salvu u Rita hadu hsieb il-genituri. Jghid li Salvu kien guvni u Rita kienet armla u kienet tghix mal-genituri taghha bil-familja.

Rigward Karmenu jghid li dan ghamel sentejn jiehu hsieb il-genituri u mbaghad baqghu jiehdu hsieb kollox Rita u Salvu.

[2] A fol 88 sa fol 97 tal-process
[3] A fol 69 sa fol 71 tal-process

Jghid li meta huwa gie lura mis-safar fl-2004, Salvu ma kienx ihallieh imur jara lill-genituri tieghu. Jghid li kien ilu msiefer hamsa u ghoxrin sena. Meta gie lura pprova jmur joqghod ghand il-genituri tieghu izda Salvu ma halliehx u minflok offrielu appartament li kellu hu fil-vicin pero' anke minn hemmhekk keccieh.

Ikompli li hu ma kellux cavetta tad-dar tal-genituri tieghu. Jghid li Salvu ma jistax ikun li kien jiehu hsieb il-genituri tieghu l-hin kollu u dan billi kellu d-delizzju ta' l-insib, kacca u sajd.

Jghid ukoll li meta siefer huwa kien halla hafna affarijiet warajh u dawn inbieghu kollha u l-flus zammhom Salvu. Jghid ukoll li s-snieter li kien hemm id-dar inbieghu minn Salvu u zamm il-flus taghhom ukoll. Jghid li Salvu ha diversi oggetti mid-dar tal-genituri tieghu biex jimla l-appartament tieghu. Jafferma li Salvu biegh il-karozza ta' missieru wkoll.

Jghid li missieru kien ittrasferixxa bicca raba li kienet tmiss mad-dar tal-kejl ta' madwar siegh fuq Salvu. Jghid li Salvu bena u ghaqqadha ma' proprjeta' ohra tieghu.

Ikompli li l-ftehim bejn l-ahwa kien illi d-dar tinqasam bejn Salvu u Rita. Tnejn mill-ahwa jiehdu porzjon diviz mill-art li hemm fuq wara tad-dar, imbaghad l-erba' porzjonijiet raba' ohra jittellghu bix-xorti bejn l-erba' ahwa ohra. Izda Karmenu ha tliet porzjonijiet ta' madwar siegh kull wiehed–: tad-Dabrani, tal-Maghqad u tal-Fellies. Jafferma li huma kien minghalihom li l-proprjeta' ta' wara d-dar setghet tigi zviluppata izda wara l-perit infurmahom li ma setghux. Jghid li dan ghalihom kien ifisser differenza fil-valur ta' l-art u ghalhekk hassu aggravat li kien hemm differenza bejn il-valur tal-proprjeta' mhollija lil Salvu u lil Rita u l-art imhollija lilhom qua atturi. Jghid li d-differenza fil-valur kienet ukoll xi haga li l-genituri taghhom ma hasbux dwarha.

Skont hu ommu kienet mara b'sahhitha u kienet toqghod fis-sodda titrekken u mhux ghax kienet marida.

Jghid li ghamel xi tliet xhur izur lill-genituri tieghu ta' sikwit f'hinijiet differenti. Jichad li hutu kienu jkun biswit il-genituri tieghu l-hin kollu tant li kienu ghamlu qanpiena biex meta jkollhom bzonn icemplu u jmorru jaraw x'ghandhom bzonn.

Jafferma li Salvu kien jithallas mill-Gvern talli jiehu hsieb il-genituri tieghu.

**In kontro ezami** jghid li lill-genituri tieghu kienu jiehdu hsiebhom Rita u Salvu. Jaqbel ukoll li Salvu issagrifika hajtu biex dar bil-genituri tieghu. Jghid li huh l-iehor li huwa l-attur f'din il-kawza gie vaganza Malta u rega' telaq.

Il-**konvenut Carmel Vella** permezz ta' affidavit[4] jghid li hu u hutu huma tmienja. Missieru beda jmur lura madwar hdax–il sena qabel miet. Meta kellu 73 sena ma baqax isuq u ghalhekk huwa kien johorgu ftit bil-karozza nhar ta' Hadd. Nhar ta' Erbgha fix-xhur ta' bejn Mejju u Awwissu kien jiehu lill-genituri tieghu Ta' Pinu. Gieli kien jiehu lil missieru mieghu ghal xi dawra anke fost il-gimgha u gieli hadu d-dar tieghu biex iserrah lil ommu.

Ikompli li meta missieru kellu 74 sena bdew hergin is-sinjali ta' *dementia* u ma setghux jafdawh wahdu. Dan il-konvenut jghid illi gieli ghen lil ommu tahsel lil missieru.

Jghid li meta missieru kien ikun l-Isptar kien imur hdejh u gieli ghamel hdejh hin twil u kien ikollu jiehu l-*leave*. Kien jaghmel hekk biex huh Salvu jibqa' ma' ommhom.

Ikompli li missieru ta' 77 sena spicca fis-sodda u dam hekk sa ma miet, jigifieri madwar sitt snin. Jghid li hu ma setax idur hu bil-genituri tieghu ghax ried jahdem hu ghall-familja tieghu billi martu ma tahdimx.

[4] A fol 106 sa tal-process

Jafferma li Salvu u Rita daru kemm b'missieru u kemm b'ommu. Kien imur jarahom regolari u dejjem sabhom nodfa.

Jghid li ommu mietet ta' 88 sena u ghalkemm ma kenitx *bedridden* madankollu kellha bzonn l-ghajnuna ghall-bzonnijiet ta' kuljum. Gieli kienet ukoll tmur il-mara tieghu twassal lil Francesca Saveria l-Isptar meta huwa kien jkun xoghol.

Jghid li hu kien imur jahsel lil missieru sakemm kien jissemma' fit-testament. Pero' mbaghad meta Salvu talbu biex imur jghin u jiddedika aktar hin huwa rrifjuta u anke qal lil Salvu biex ismu jitnehha mit-testment ghax hu ma setax jikkontribwixxi aktar mill-hin tieghu.

**In kontro ezami** dan il-konvenut jghid[5] li missieru kellu 84 sena meta miet. Jafferma li beda juri sinjali ta' *dementia* tnax (12)–il sena qabel miet.

Dak iz-zmien kienu jsajru huh u ohtu u jahslu huma wkoll. Jikkonferma li damu jaghmlu hekk ghal xi tnax (12)–il sena. Dak iz-zmien l-attur Michael Vella kien imsiefer.

Jghid ukoll li Salvu kien qallu biex joqghod hu ma' missieru l-hin kollu, izda hu ma riedx ghax ma setax. Jghid li wara dan Salvu rranga ma' ommu u kitbitlu fit-testment l-ahhar wiehed.

Jafferma li missieru ghalkemm kien *bedridden* qatt ma kellu feriti tas-sodda ghax hutu kienu jduru bih sewwa. Dam hekk sitt snin u daru bih Salvu u Rita.

Jghid li sahhet ommu baqghet tajba sa ma mietet. Jghid li qatt ma kienet fis-sodda. Jghid li dam sentejn jitla' hdejn ommu filghodu.

[5] A fol 132 sa fol 141 tal-process

Jafferma li Salvu gie lura mill-Awstralja hafna snin qabel l-attur Michael Vella. Jghid li gie lura ghax ried jiret.

Jafferma illi huwa kien jahdem *full time* mal-kumpanija GO, jahdem bit-trakk igorr iz-zibel, kif ukoll jahdem ir-raba. Mal-GO kien jahdem tmien sighat kif ukoll saghtejn igorr iz-zibel. Dan kien kuljum.

Jafferma li Salvu kien jahdem fil-gnien li hemm mad-dar tal-genituri tieghu.

Jghid li meta sahhet missieru marret lura sew u kien bil-pajpijiet Salvu u Rita kienu jiehdu hsiebu. Jghid li kien imur jahslu meta missieru kien ghadu jimxi. Jghid li meta kien imur hu, la Rita u lanqas Salvu ma kien ikun hemm izda kien ikun hemm il-*cleaner.*

Rigward l-attur Eucharist Vella, jghid li ghadu msiefer.

**Joyce Farrugia**[6] fil-kwalita' taghha ta' Direttur fid-Dipartiment Servizzi tal-Klijent fil-Minister ghal Ghawdex ikkonfermat li Joseph Vella u Francesca Saveria Vella kienu jircievu ghajnuna li tissejjah *home help.* Din l-ghajnuna bdiet tinghata fl-1993 u spiccat fl-2013. Kienu wkoll jiehdu l-hrieqi b'xejn minghand il-Gvern – il-missier Joseph Vella bejn Marzu 2000 u Mejju 2006, filwaqt li Francesca Saveria bejn Marzu 2000 u Jannar 2013.

Il-**Perit Carmelo Borg** xehed illi[7] l-attur Michael Vella kien qabbdu jaghmel stima fl-2013. Jghid li biex ghamel l-istima huwa kkunsidra l-Pjan Lokali. Il-partijiet A u B fuq il-pjanta qieghdin fiz-zona ta' zvilupp fil-waqt li l-parti ta' wara ma hix.

Rigward il-kejl jghid li l-parti A hija mitejn u disghin metru kwadru (290m.k) filwaqt li l-parti B hija ta' mitejn erbgha u tmenin metru kwadru (284m.k). Jafferma li l-kejl ma hadux hu izda Salvu Bonello.

[6] A fol 152 sa fol 156 tal-process
[7] A fol 182 sa fol 197 tal-process

Rigward il-bicca ta' wara jghid li l-kejl huwa ta' disa' mija sitta u erbghin metru kwadru (946m.k). Din l-art stmaha hamsin elf ewro (€50,000) li jigi madwar ghaxart elef (€10,000) kull siegh.

Ir-raba l-iehor jghid illi ma hux fabbrikabbli u ghandu valur baxx.

**It-Tabib Dr. Joseph Rapa** xehed[8] li Joseph Vella kien operat diversi drabi f'zaqqu ghax kellu l-musrana li kienet qed tinstadd. Jirrizulta wkoll mill-fajl mediku li kellu *dementia*. Fis-sena 2000 sarlu pajp f'imniehru sabiex jiekol minn hemm. Ix-xhudipprezenta lista ta' interventi[9] u kundizzjonijiet li dahlu bihom Joseph u Francesca Saveria Vella l-Isptar.

In kontro ezami b'risposta ghall-mistoqsijiet bil-miktub dan ix-xhud ipprezenta r-risposti tieghu mahlufin[10]. Jghid illi sa 1990 fil-fajl mediku ma hemmx imnizzel li rizultat tal-problemi ta' sahha ta' Joseph Vella dan kien tilef l-indipendenza tieghu. Jghid illi ghamel laparatomija u tnehhietlu l-musrana. Jghid ukoll li ddahhal kemm-il darba l-Isptar bl-ambulanza u ghalkemm ma hemmx indikat min kien ikun mieghu, hu jaf li jew ibnu jew bint Joseph Vella kienu jkunu mieghu.

Imbaghad 1992 Joseph Vella beda jkollu episodji fejn jinsa u anke kellu appuntament fl-*out patients* ghand il-psikjatra Dr. David Cassar. Kien hemm regress fil-*short term memory* ta' Joseph Vella. Il-memorja fit-tul izda kienet intatta.

Fis-sena 2000 Joseph Vella huwa deskritt bhala li ghandu diffikulta biex jiekol u jixrob, li ghandu tendenza li jaqa' u li l-kundizzjoni ta' sahhtu fizika u mentali hzienet, tant li huwa deskritt li ghandu bzonn l-ghajnuna biex iqum, ghandu bzonn ta' protezzjoni fl-idejn halli ma jaqlax id-drip. Jghid ukoll li Joseph kellu *catheter* u kien jaqlaghha.

[8] A fol 204 sa fol 210 tal-process
[9] A fol 211 tal-process
[10] A fol 294 sa fol 299 tal-process

Rigward Francesca Saveria jghid li hija kienet dijabetika u li kienet ghall-ewwel tikkontrolla d-dijabete bil-pinnoli izda mbaghad spiccat ikollha tiehu l-insulina. Kienet tbati minn *Glaucoma* u li ghamlet l-operazzjoni tal-kattaretti. Kellha problemi serji b'qalbha, kif ukoll *asthma*.

**Dr. Joseph Attard**, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali xehed[11] li Saviour Vella kien jiehu *Carer's Pension*[12]. Jghid li Rita Vella ma kenitx tiehu dik it-tip ta' ghajnuna. Dan ix-xhud esebixxa dokument rigward il-pensjoni li kien jircievi Joseph Vella[13] u Francesca Saveria Vella[14].

**Mario Galea** in rapprezentanza tal-Bank HSBC xehed[15] li Joseph Vella kellu kont u pprezenta *statement* tieghu[16]. Rigward Francesca Saveria Vella jghid li kellha kont wiehed "*savings*"[17].

**Dr. Marvic Masini** xehed li[18] Joseph Vella kellu *dementia* progressiva, ma kienx jiekol wahdu, kien ikkonstipat. Kellu problemi fl-imsaren u fl-1992, 1993 u 1995 sarulu nterventi kirurgici minhabba din il-problema. Jafferma illi kien imur jarah spiss id-dar lil Joseph Vella minhabba l-problemi rikurrenti li kien ikollu. Jghid illi fl-2002 ma kienx jibla u kellu *naso gastric tube*.

Jghid li kien jintalab imur jara lill-pazjent id-dar minn Rita jew Salvu. Rigward l-indipendenza ta' Joseph Vella jghid li 1997 kien diga' kellu bzonn l-ghajnuna minhabba l-ipporgar.

Rigward in-*naso gastric tube* jghid li dan jiddahhal minn tabib izda l-*carer* taghti l-ikel u l-ilma minnu lill-pazjent. Dan il-process irid isir kull

---

11 A fol 219 sa fol 221 tal-process
12 A fol 224 tal-process
13 A fol 222 tal-process
14 A fol 223 tal-process
15 A fol 225 sa fol 227 tal-process u a fol 287 sa fol 290 tal-process
16 A fol 228 sa fol 237 tal-process
17 A fol 291 tal-process
18 A fol 332 sa fol 350

saghtejn. Fil-kaz ta' Joseph Vella dan ix-xoghol kien isir minn Salvu u Rita Vella.

Fuq il-hasil ta' Joseph Vella, jghid li Salvu u Rita kienu jiehdu hsieb missierhom sewwa hafna. Ghalkemm Joseph Vella kien bil-harqa, qatt ma kien mahmug u dejjem sabu nadif.

Rigward iz-zmien meta Joseph Vella kien rikoverat l-Isptar jghid li Salvu u Rita kienu l-ulied li kienu jikkommunikaw mat-tobba kuranti.

Ikompli li l-kura li kien jenhtieg Joseph Vella kienet il-hin kollu.

Fil-kaz ta' Francesca Saveria Vella jghid li kellha problemi multiplici. Kien izurha ta' spiss ukoll minhabba sahhitha. Rita u Salvu kienu l-ulied li jindukrawha. Il-bzonnijiet taghha kienu varji wkoll u kienet tiddependi ghal kollox fuq uliedha Rita u Salvu.

Ikompli li d-dar ma' Joseph u Francesca lil Rita u Salvu biss kien jara. Lil uliedhom l-ohra qatt ma rahom. Lanqas lil Michael Vella, qatt ma rah.

**Dun Eucharist Sultana** xehed[19] illi meta kien imur izur lil Joseph u Francesca Saveria d-dar dejjem kien isib lil Rita u Salvu hemm iduru bihom. Jghid li Joseph Vella kien jenhtieg ghajnuna kontinwa anke minhabba li kien ikun agitat hafna minhabba l-kundizzjoni tieghu.

Ikompli li fil-kamra tas-sodda kien hemm tliet sodod, wahda kull wiehed ghal Joseph u Francesca u l-ohra ghal min ikun qed idur bihom. Jghid ukoll li meta kien imur ma kienx ikun hemm irwejjah ta' xejn.

Rigward l-ulied l-ohra jghid li qatt ma rahom hemm.

[19] A fol 358 sa fol 362 tal-process

**Raymond Cini** , infermier, xehed[20] li meta kien l-isptar Joseph Vella, il-kommunikazzjoni kollha rigward medicini u kura kienet tigi diskussa ma' Salvu u Rita.

Jghid li Joseph ried kura kontinwa u persuna magenbu l-hin kollu minhabba l-istat tieghu.

**Joseph Saliba**, infermier, xehed[21] li lil Michael Vella qatt ma rah l-Isptar hdejn missieru u lil Karmenu rah ftit drabi. Jghid ukoll li lil Salvu kien anke wrieh kif jghin lil missieru jipporga billi jnaddaf l-imsaren ta' missieru manwalment.

Jafferma lil Salvu u Rita kienu jkunu l-Isptar bil-lejl ma' missierhom meta kien ikun rikoverat.

**Il-konvenut Salvu Vella** permezz ta' affidavit[22] jghid li gie lura mill-Awstralja fl-1990 u dak iz-zmien missieru kien diga' sejjer lura. Kien diga' beda jinsa u ommu li kienet mara qawwija, kellha problemi b'irkuptejha.

Jghid li missieru zviluppa d-*dementia.* Ghalkemm huwa ried jibni l-futur tieghu l-Awstralja u anke kien gab ic-cittadinanza, minhabba l-kundizzjoni tal-genituri tieghu baqa' Ghawdex u minkejja li huma qieghdin seba' ahwa, kien hu li spicca jdur bil-genituri.

Jghid li kien ikollu jaghmel kollox wahdu sakemm ommu talbet lil Karmenu biex jghin. Dan kien imur ftit filghaxija wara x-xoghol izda ma kienx bizzejjed. Minhabba l-impenji tal-familja tieghu Karmenu ma setax jaghti aktar hin.

Rigward missieru jghid illi fl-1998 Joseph dahal l-Isptar u mbaghad minn hemm sahhet il-genituri tieghu bdiet sejra lura. Missieru kien bil-

[20] A fol 423 sa fol430 tal-process
[21] A fol 430 sa fol 438 tal-process
[22] A fol 557sa fol 563 tal-process

pajpijiet, wiehed biex jiekol u l-iehor biex inehhi l-awrina. Kellu problemi wkoll biex jipporga. Kellu bzonn ghajnuna kontinwa lejl u nhar.

Jghid li avvicina lil ohtu Rita u talabha biex tmur tghix ghand il-ginituri taghha u ggib lill-familja taghha. Dawn accettaw.

Il-genituri tieghu spiccaw it-tnejn bil-harqa. Jghid li kellu jitghallem kif jghin lil missieru jipporga manwalment. Kienu jnaddfuh ma' l-erba' darbiet kuljum u gieli anke aktar.

Jghid li missieru kellu tubu biex jaghtuh l-ikel likwidu minnu. Kienu jaghtuh jixrob kif ukoll il-medicini minnu wkoll. Dan minbarra li kienu jdawwruh fis-sodda biex ma jkollux feriti.

Rigward ommu jghid illi hu u Rita kienu jduru biha wkoll. Kienu johorguha fuq siggu tar-roti. Kienet tuza l-hrieqi. Sahhitha marret lura u spiccat ma tqumx mis-sodda.

Jghid illi hutu ghexu hajjithom u ffurmaw familja izda hu lanqas relazzjoni ma' seta' jibni ghax kellu jaghzel bejn il-genituri u l-hajja l-ohra.

Jikkonferma illi kien jiehu l-*allowance* ta' *carer* li kienet tammonta ghal tmienja u sebghin ewro (€78) fil-gimgha. Il-genituri tieghu kienu jiehdu l-pensjoni wkoll.

Rigward id-delizzju ta' l-ghasafar, jghid li l-ghasafar nehhihom kollha fl-2000.

Il-**Konvenuta Rita Attard** permezz ta' affidavit[23] tghid li missierha beda jinsa fl-1989. Hi kienet tghix mal-genituri taghha qabel izzewget. Salvu dak iz-zmien kien l-Awstralja. Ommha rnexxielha tikkonvincih jigi lura minhabba l-kundizzjoni ta' missierha.

[23] A fol 565 sa fol 568 tal-process

Tghid li missierha kien ibati bid-*dementia*. Imbaghad hija zzewget u marret tghix Marsalforn u Salvu li kien gie lura baqa' jiehu hsieb il-ġenituri taghhom. Izda billi s-sahha tal-genuturi bdiet tmur lura Salvu ma bediex ilahhaq maghhom u talabha tmur lura d-dar flimkien ma' zewgha. Hija accettat.

Tghid li Salvu kien jorqod mal-ġenituri fl-istess kamra u meta kien jinqala xi haġa bil-lejl kien iqajjimha biex jaghmlu dak li jkun hemm bzonn.

Lil missierha kienu jahsluh huma u meta ommhom bdiet tmur lura kienu jahslu lilha wkoll. Hija kienet mara kbira u kienu jduru biha kif imiss.

Tghid li kienu nstallaw *cameras* tas-sigurta' fid-dar, kif ukoll qanpiena u telefon sabiex meta ommhom kien ikollha bzonn kienet iccemplilhom.

**Riona Attard** permezz ta' affidavit tixhed[24] li n-nanniet taghha kienu jiehdu hsiebhom ommha Rita u zijuha Salvu. L-attur Michael Vella kien imsiefer l-Awstralja u Karmenu Vella u martu kienu jmorru ghand in-nanna bhala vizitaturi biss.

Tafferma li meta gie lura mill-Awstralja, l-attur Michael Vella kien mar jghix fl-appartament tal-konvenut Salvu u dam hemm xi xhur. Kemm dam hemm ma kienx jghin lil Salvu u lil Rita biex jiehdu hsieb il-ġenituri. Tafferma li darba wara li kien hemm xi dizgwid, l-attur telaq mill-appartament ta' Salvu.

Tghid ukoll li kienu jibdlu l-lozor ta' spiss. Il-kura u l-attenzjoni li kienet tinghata lil Joseph u Francesca Saveria kienet kontinwa – hasil, ikel, tibdil ta' hrieqi, friex.

Tghid ukoll li Salvu kien jorqod mal-ġenituri tieghu. Tishaq li l-qadjiet kienu jsiru minn wiehed minnhom u li Rita u Salvu qatt ma hargu flimkien biex zgur ikun hemm xi hadd ma' Joseph u Francesca Saveria.

[24] A fol 612 sa fol 614 tal-process

Tghid lil Salvu ssagrifika hajtu sabiex ha hsieb il-genituri tieghu.

**Ikkunsidrat:**

**FATTI**

Mill-process u dokumenti esebiti jirrizulta li d-defunti Joseph u Francesca Saveria Vella kellhom tmien ulied. Dawn huma l-partijiet fil-kawza odjerna. Joseph Vella kien premorjent ghal martu. Infatti miet fis-27 ta' Mejju, 2006, mentri Francesca Saveria Vella mietet fit-28 ta' Jannar, 2013. Il-konjugi Vella ghamlu testment unica charta fil-21 ta' Frar, 1995 u filwaqt li hallew lil xulxin l-uzu u l-uzufrutt tal-beni kollha taghhom, taw il-fakolta lis-superstiti fosthom li jbiddel id-dispozizzjonjiet ta' dan it-testment.

Infatti Francesca Saveria pprevalixxiet ruhha minn din il-fakolta u fl-04 ta, Settembru, 1999[25] ghamlet testment iehor.

Permezz ta' dan it-testment hija kkonfermat l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba artikoli tat-testment precedenti u hassret u annullat il-hames, is-sitt u s-seba' artikoli.

Fit-testment ta' l-1999, sewwasew fit-tieni artikolu hija ghamlet referenza ghall-hames artikolu tat-testment unica charta u filwaqt li ddikjarat illi Carmelo Vella, konvenut fil-kawza odjerna, irrenda lilha u lil zewgha kura u servigi ghall-perjodu ta' sentejn biss, hallietlu prelegat ta' tliet porzjonijiet raba in total sodisfazzjoni ghas-servigi rezi minnu. Dawn huma art maghrufa bhala "tad-Dabrani", ohra maghrufa bhala "Tal-Fellies" u t-tielet bicca art maghrufa "Tal-Maghqad". Francesca Saveria ddikjarat illi hija kienet konsapevoli li dawn il-bicciet art kienu assi

[25] A

parafernali ta' zewgha pero' ordnat li l-legat jigi percepit fl-interezza tieghu.

Fit-tielet artikolu tat-testment ta' l-04 ta Settembru, 1999, Francesca Saveria mbaghad halliet ukoll prelegat favur Salvu Vella. Dan il-prelegat ukoll hallietulu ghall-kura u servigi li l-imsemmi binha kien qed jaghti lit-testatrici u lil zewgha. Dan il-prelegat jikkonsisti f'parti diviza mid-dar fix-Xaghra, Ghawdex u bicca art maghrufa "Ta Cassia". Hija ddikjarat li l-bicca art "Ta Cassia" hija parafernali ta' zewgha izda ordnat li ghandha tigi precepita fl-interezza taghha minn dan il-konvenut.

Imbaghad fir-raba Artikolu halliet prelegat iehor ghall-kura u servigi li kienu qed jinghataw minn bintha konvenuta Rita Attard. Dan il-prelegat jikkonsisti fil-parti l-ohra diviza ta' l-istess fond imholli lil Salvu, kif ukoll porzjon art maghrufa "Tas-Seqer". Fil-kaz ta' dan il-prelegat ukoll it-testatrici taghmel l-istess dikjarazzjonijiet li ghamlet ghall-prelegat imholli lil Salvu billi affermat li l-art imhollija kienet tappartjeni l-beni parafernali ta' zewgha.

Fil-hames Artikolu Francesca Saveria halliet lil binha Joseph Vella prelegat ta' porzjon ta' art maghrufa bhala "Fuq l-Ghejjun" u lil binha iehor Carmelo porzjon art maghrufa bhala "Ta' Fuq l-Ghejjun".

Lil uliedha Fortunato Vella, Eucharist Vella, Michael Vella u Maria Borg mart Maurizio, hallietilhom bi prelegat erba' porzjonijiet art parti minn art akbar maghrufa "Ta fuq l-Ghejjun". Dawn l-erba' bicciet art huma mmarkati "F","G","H","I" fil-pjanta annessa mat-testment. Tghid ukoll li dawn il-porzjonijiet raba jridu jittellghu bix-xorti bejn dawn l-ulied.

Artikolu tmienja hija ddisponiet illi l-bicciet art immarkati "A" u "J" huma passagg u ghandhom jinzammu bejn l-ahwa in komun. Iddikjarat li dawn il-bictejn art inxtraw *durante conjugio* pero' xorta wahda trid li jigu pprecepiti fl-interezza taghhom.

Il-Vettura u z-zewg imharet halliethom lil Salvu u Rita bhala prelegat. F'dan il-kaz ukoll iddikjarat li dawn inxtraw *durante conugio* u li trid li jigu ppercepiti fl-inter taghhom.

Fl-ghaxar artikolu hija istitwiet bhall-eredi universali lil uliedha kollha.

Fl-10 ta' Jannar, 2014 l-atturi Michael u Eucharist Vella irrinunzjaw ghall-eredita' ta' kull wiehed mill-genituri taghhom[26], u ghazlu li jithallsu s-sehem rizervat kif ukoll accettaw il-legat imholli lilhom fit-testment. Huma jridu li s-sehem rizervat dovut lilhom jigi likwidat kif ukoll li jigu mmessi fil-pussess tal-legat imholli lilhom individwalment. L-atturi pprezentaw lista ta' l-assi mar-rikors guramentat u ddikjaraw li din hija l-lista li fuqha jippretendu li jithallsu s-sehem rizervat[27].

Mill-att jirrizulta wkoll li l-konvenuti Salvu Vella u Rita Attard hadu hsieb il-genituri taghhom ghal snin twal[28]. Il-missier, Joseph Vella, kien f'kundizzjoni medika prekarja mmens, tant li kellu *naso gastric tube* kif ukoll *catheter*. Kien ibati biex jipproga u kien irid isirlu *manual evacuation* ta' l-ippurgar. Din kienet issir minn Salvu.

L-omm ukoll kienet tehtieg hafna ghajnuna u kura. Diversi xhieda affermaw illi Salvu u Rita kienu jzommu lill-genituri taghhom nodfa u komdi d-dar. Il-Qorti ma setghetx ma tinnotax id-dedikazzjoni kontinwa illi wrew dawn iz-zewgt ulied biex jiehdu hsieb il-genituri taghhom. It-tip ta' kura u attenzjoni kienet wahda specjalizzata li tirrikjedi attenzjoni, hin u dedikazzjoni. Il-Qorti hija tal-fehma li l-genituri tal-kontendenti kienu veru xortihom tajba li sabu lil dawn iz-zewgt ulied li jduru bihom bil-mod kif ghamlu. Ma tistax ma tinnotax li Rita Vella minbarra li kienet qed tiehu hsieb il-genituri taghha kienet ukoll qed tiehu hsieb il-familja taghha u li kellha ragel marid. Dan il-piz kbir ma jistax ma jigix innotat. Da parti ta' Salvu, il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li dan ghamel sagrificcji kbar ukoll. Il-Qorti nnotat li x-xhieda, li ma kienux jaghmlu parti mill-

[26] A fol 33 sa 36 tal-process
[27] A fol 5 tal-process
[28] Mill-1999 sa ma mietu l-genituri , fl-2006 miet il-missier u fl-2013 mietet l-omm

familja Vella, kienu kostanti fid-deskrizzjoni tal-mod kif kienu jinzammu Joseph u Francesca Saveria Vella.

Huwa fatt inkontestat li l-attur Michael Vella kien jghix l-Awstralja u rega' lura meta l-genituri tieghu kienu diga' qed jigu ndukrati minn Salvu u Rita. F'din il-kawza l-atturi qed jitolbu li l-assi tal-genituri taghhom jigu likwidati u maqsuma. Biex il-Qorti tghaddi ghal dan l-ezercizzju jmiss illi l-ewwel jigu identifikati x'kienu l-assi li kellhom il-genituri tal-kontendenti, kemm dak akkwistat matul iz-zwieg u kemm dak parafernali li jappartjeni lil kull wiehed minnhom separatament.

**Ikkunsidrat.**

Izda qabel ma tghaddi ghall-kunsiderazzjoni tat-talbiet attrici, il-Qorti l-ewwel ser tghaddi sabiex titratta l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut Salvu Vella u l-ohra sollevata mill-konvenut Carmel Vella u cioe' illi huma ma humiex legittimi kontraditturi sa fejn ghandu x'jaqsam il-wirt ta' missierhom billi huma ma humiex werrieta tieghu. Dawn iz-zewg konvenuti qed jibbazaw l-eccezzjoni taghhom fuq it-testment li ghamlu Joseph u martu Francesca Saveria fil-21 ta' Frar, 1995[29]. Permezz ta' dan it-testment Carmelo Vella u Salvu Vella kienu thallew legat remunerjatorju u ma kienux gew istitwiti eredi. Fl-04 ta' Settembru, 1999, Francesca Saveria, wahedha, biddlet uhud mill-artikolu tat-testment li kienet ghamlet ma' zewgha fl-1995 pero' innominat lil uliedha kollha bhala werrieta.

Meta jkun hemm kaz bhal dan in ezami fejn konjugi jipprevalixxi ruhu mill-fakolta li jkollu permezz ta' testament maghmul precedentement, u jaghmel testment sussegwenti fejn permezz tieghu jbiddel id-dispozizzjonijiet ta' l-ewwel, it-tibdil ikun jaffettwa biss dik il-parti li tkun tmiss lilu. Dan ifisser li fil-kaz odjern, meta Francesca Saveria biddlet uhud mid-dispozizzjonijiet tat-testment li kienet ghamlet qabel dawk it-tibdiliet kienu fil-konfront tal-gid taghha parafernali u sehemha mill-assi

[29] A fol 22 sa 24 tal-process

tal-kommunjoni. Dunque t-tibdil ma jolqotx il-parti ta' zewgha u ghalhekk l-eccezzjoni ta' Salvu Vella u Carmel Vella li huma ma humiex werrieta ta' missierhom u dan bis-sahha tat-testment li sar fl-1995 hija misthoqqa.

**Ikkunsidrat**

**L-Konsistenza ta' l-Assi**

Il-Qorti ser tghaddi issa biex tiddetermina l-konsistenza ta' l-assi tal-konjugi Vella, il-genituri tal-kontendenti fil-kawza halli mbaghad jigi determinat is-sehem rizervat.

Mill-verbal tas-seduta tas-17 ta' Novembru, 2017, jirrizulta li l-konvenuti talbu lill-Qorti sabiex tinnomina perit halli jivvaluta l-assi ndikati mill-atturi u li tinsab a fol 37 tal-process. Dan ifisser li l-konvenuti ma humiex qed jikkontestaw il-konsistenza ta' l-assi u ghalhekk hemm qbil bejn il-partijiet dwar dan.

**L-assi skont il-partijiet fil-kawza** huma s-segwenti:

1) Il-Fond 12A, Triq l-Ghejjun, Xaghra, Ghawdex, inkluz il-gnien fuq wara;
2) Porzjoni art mmarkat A fuq il-pjanta;[30]
3) Porzjon art maghrufa bhala "Ta Dabrani" tal-kejl circa 187m.k;
4) Porzjon art maghrufa bhala "Tal-Fellies" tal-kejl circa 187 m.k;
5) Porzjon art maghrufa bhala "Il-Maghqad" tal-kejl circa 187 m.k;
6) Porzjon art maghrufa bhala "Ta' Cassia" tal-kejl circa 187 m.k;
7) Porzjon art maghrufa bhala "Tas-Seqer" tal-kejl circa 187 m.k;
8) Vettura Suzuki Alto bin-numru ta registrazzjoni ABH 103;
9) Zewg imharet tal-hart;

[30] A fol 32 tal-process

10) Ghamara li tinsab fil-fond 12A, Triq l-Ghejjun, Xaghra[31];
10)Is-snieter[32]
11)Kont HSBC bin- numru 071-039986050

**Il-Prelegati**

F'din il-kawza ghad-determinazzjoni tas-sehem rizervat iridu jigu analizzati l-prelegati mhollija minn Francesca Saveria Vella fit-testment ta' l-4 ta' Settembru, 1999, fejn hija halliet dawn il-laxxiti lit-tliet uliedha Carmelo Vella, lil huh Salvu u lil ohthom Rita ghall-kura, servigi u assistenza moghtija lilha u lil zewgha u dan fid-dawl ta' dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha fl-istess ismijiet[33], wara appell minn digriet interlokutorju, u cioe' li l-atturi f'din il-kawza ma humiex qed jattakkaw il-legati remunerjatorji, izda b'din il-kawza qed jippretendu li l-konvenuti jgibu l-prova tan-natura remunerjatorja ta' tali legati, billi jekk il-konvenuti ma jirnexxilhomx jaghmlu dan il-konsegwenza tkun li tali legati mbaghad jitqiesu bhala liberalitajiet u mhux hlas ta' dejn tal-wirt, li jkun ifisser li jkunu soggetti ghal tnaqqis sa fejn ikunu jaqbzu s-sehem li t-testatur kellu l-fakolta li jiddisponi minnu.

Issa, din il-Qorti fliet sewwa x-xhieda moghtija mid-diversi tobba, qassisin u anke nfermiera li ghal ragunijiet differenti kienu jzuru lill-genituri tal-kontendenti d-dar, fliet ukoll in-noti medici pprezentati u setghet tinnota li Joseph Vella kellu diversi problemi medici. Dawn il-problemi ma kienux semplici anzi kienu jirrikjedu nterventi kemmxejn specjalizzati u delikati. Jirrizulta wkoll li Salvu Vella kien imidd idu u kien "*hands on*" fejn tidhol il-kura li kien jenhtieg missieru. L-istess kien jaghmel fil-konfront ta' ommu. Ma jistax jigi njorat il-fatt li Joseph Vella kien ilu ma jiflahx minn qabel l-1999 u l-kundizzjoni tieghu hzienet

[31] Francesca Saveria fit-testment tal-04 ta Settembru, 1999 affermat li fil-dar fejn kienu joqoghdu kien hemm diversi oggetti li jappartjenu lill bintha Rita Attard. Hadd mill-partijiet ma pprovda xi lista ta x'inhuma dawn l-oggetti li huma ta din il-konvenuta.
[32] Jissemmew mill-attur Michael Vella fl-affidavit a fol 69 tal-process.
[33] A fol 175 tal-process deciza fit-12 ta' Frar, 2016

sewwa maz-zmien. Kellu problemi mhux fizici biss imma anke mentali u dan ifisser li l-kura tieghu kienet wahda komplessa.

Fil-konfront ta' Rita Vella hemm il-prova mhux kontradetta li din bdiet tiehu hsieb il-genituri taghha wara li huha Carmelo ma hassx li seta' jikkontribwixxi aktar fl-ammont ta' hin li kien rikjest minnu. Infatti Carmelo Vella jixhed illi huwa kellu tliet impjiegi biex jghajjex il-familja tieghu u ghalhekk ma kienx jibqaghlu hin ghall-genituri tieghu. Jixhed illi minkejja li ma kellux hin xorta kien johrog lill-genituri tieghu bil-karozza. Din il-Qorti izda hija tal-fehma li l-kundizzjoni ta' sahhet Joseph u Francesca Saveria kienet tirrikjedi ferm aktar minn hekk u ghalhekk zgur ma kienx bizzejjed li dawn imorru dawra bil-karozza darba fil-gimgha.

Mill-atti wkoll jirrizulta li Rita kienet tghix ma' familtha Marsalforn, izda biex iddur bil-genituri taghha kellha thalli darha u tmur tghix ix-Xaghra fir-residenza tal-genituri. Jirrizulta li zewgha kien marid sew u kellha anke t-tfal. Minkejja dan izda hija xorta tat il-hin taghha ghall-kura u assistenza tal-genituri taghha.

Ingabu provi li l-medicini tal-genituri kienu jinghataw b'xejn mill-Gvern u li anke l-hrieqi kienu jkunu b'xejn. Madankollu hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-entita' tal-kura li kienu jenhtiegu Joseph u Francesca Saveria tmur ferm lil hinn mill-provvisti medici li kellhom bzonn. Il-htigijiet taghhom kienu ferm aktar personali u klinikament sensittivi minn hekk.

Tghasar kemm taghsar il-provi, ma hux kontradett li l-konvenuti Rita u Salvu hadu hsieb il-genituri taghhom qatigh. Carmelo ikkontribixxxa, izda ghal sentejn biss u kellha tidhol minfloku Rita.

F'dan l-istadju hija ferm importanti d-definizzjoni ta' legat remuneratorju li nghatat mill-Qorti[34] kif gej :-

[34] Vincenza Attard vs Michelina Agius et, Prim Awla, deciza 31 ta' Ottubru, 1952.

*"Il-legat remuneratorju huwa hlas ta' dejn sakemm ma jirrizultax li t-testatur ma kellux raguni tajba biex ihalli dak il-legat u li dan ikun intiz minflok liberalita' u biex jelludi u jiddiffrawdaw d-drittijiet ta' l-eredi jew tat-terzi ghalhekk il-Qorti ghandha dejjem poter li tara jekk il-legat huwiex proporzjonat ghas-servigi prestati mil-legatarju."*

L-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom[35] jikkwotaw minn sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fejn kienu elenkati l-elementi li jikkwalifikaw xoghol bhala servigi u kura. Fl-istess sentenza l-Qorti kienet ikkalkolat li l-atturi appellanti f'dik il-kawza kien haqqhom jiehdu sebghin (€70) fil-gimgha kull wiehed. A bazi ta' din is-sentenza l-atturi odjerni jargumentaw illi l-prelegati remuneratorji mhollija lill-konvenuti huma att ta' liberalita' ghax il-valur tal-prelegat jeccedi bil-bosta l-ammont li waslet ghalih il-Qorti fis-sentenza msemmija.

Il-Qorti izda ma taqbel xejn ma' dan l-argument. Mill-provi jirrizulta li l-ghajnuna li kienu jirrikjedu Joseph u Francesca Saveria kienet kumplessa u kontinwa. Wiehed ma jistax japplika ammont li jirrifletti xenajru partikolari u jimpurtah f'xenarju iehor waqt li fl-istess nifs jinjora kompletament il-fattispeci tal-kaz partikolari u ma jaghmel l-ebda apprezzament ta' dawk il-fatti. L-atturi ma jistghux jippretendu li l-Qorti tapplika s-somma gia msemmija ghal dan il-kaz odjern meta mill-provi prodotti jirrizulta li fil-kura li kienu jenhtiegu Joseph u Francesca Saveria la kien hemm lejl u lanqas nhar, tant li Salvu kien jorqod fil-kamra maghhom halli jkun lest fil-pront meta jkollhom bzonn. L-istampa klinika tal-genituri kienet kumplesssa u kif diga' nghad kien hemm bzonn ta' ghajnuna aktar specjalizzata anke meta tqis li biex jiekol Joseph kellu bzonn li jtuh l-ikel minn tubu u biex jipprorga Salvu kien ikun irid jaghmel dik hekk imsejha "*manual evacuation* ta' l-ippurgar. Dawn ma humiex proceduri li jsiru mal-hagra t'tajn izda jirrikjedu attenzjoni u dedikazzjoni. Bl-argument sollevat mill-atturi dawn donnhom qed jissuggerixxu li Salvu u Rita haqqhom cirka ghaxar ewro (€10) kuljum, lanqas ewro (1€) fis-siegha! Huwa minnu li gie ppruvat li Salvu kien qed

[35] Pag. 14 tan- nota ta sottomissjonijiet li tinsab a fol 806 tal-process

jircievi *carer's pension* ta' disgha u sebghin ewro (€79) fil-gimgha, pero' l-Qorti izda hija tal-konvinzjoni li tali somma hija zghira wisq meta mqabbla max-xoghol u sagrificcji li kellhom jaghmlu dawn iz-zewg konvenuti biex il-genituri baqghu jigu ndukrati d-dar u ma spiccawx f'xi dar tax-xjuh u dan ghall-medda ta' zmien twil.

Kif gia spjegat aktar 'il fuq Salvu ma kienx jahdem ghax kien idur bil-genituri lejl u nhar. L-istess Rita, izda din, minbarra l-genituri taghha riedet ukoll tiehu hsieb uliedha zghar u ragel marid. Dawn il-pizijiet zgur ma humiex kompensati adegwament bl-ammont li qed jissuggerixxu l-atturi[36]. Il-Qorti tinnota wkoll li l-kriterji puntwalizzati mill-atturi fin-nota taghhom rigward is-serivigi, dawn iz-zewg konvenuti jissodisfwahom kollha. Il-punt ta' divergenza huwa l-ammont dovut u dan ta' bilfors, billi kull kaz huwa differenti minn iehor ghax il-htigijiet tal-maghdur huma specjali u personali ghalih. Kif gia inghad aktar qabel il-Qorti ma tistax b'sens ta' gustizzja u haqq tuza kejl u tapplikah indiskriminatament. Jinkombi fuqha li tizen il-fatti u tevalwa l-elementi kollha u mhux biss dawk materjali ghax f'kazijiet bhal dan in ezami t-toqol psikologiku u l-pressjoni giornaljera ma jistghux jigu skartati u minsija.

Barra minn hekk din il-Qorti studjat ukoll il-prelegati mhollija fit-testment ta' l-4 ta Settembru, 1999. Fil-fehma tal-Qorti l-intenzjoni tat-testatrici fit-testment ta' l-1999 kienet wahda cara - li riedet torbot lil-l wild li kienet qed thallilu dak il-laxxitu sabiex jippresta servigi lilha u lil zewgha kif ukoll kienet qed tippretendi li tinghata kura d-dar u mhux li tintbaghat f'xi dar tax-xjuh, istitut jew ospizju[37]. Tant hu hekk illi fit-tieni Artikolu tat-testment ta' l-1999 iddikjarat li l-prelegati kienu qed jigu mhollija bl-obbligu li l-legatarji jirrendu kura u servigi lill-genituri.

---

[36] Il-Qorti tqis li l-ammont ta €25 kuljum huwa aktar ragenevoli.
[37] A fol 27 u fol 28 tal-process

In fatti Joseph Vella miet 2006 u Francesca Saveria mietet 2013 u t-tnejn li huma nghataw kura d-dar sal-ahhar. Mill-ottika tat-testatrici l-prelegat kellu l-forma ta' rabta kontrattwali – daqs li kieku qed tixtri s-servizz ta' kura. Tant hu hekk li malli Carmelo stqarr li ma setax jaghti aktar hin u dan minkejja li l-htigijiet tal-genituri zdiedu, it-testatrici fit-testment ta' l-1999 bl-aktar mod car iddikjarat li l-laxxitu lil dan il-wild kien ghas-servigi li rrenda matul sentejn. Dan ma jammonta ghal xejn hlief ghall-apprezzament tal-valur tas-servigi da parti ta' Francesca Saveria innifisha. Il-Qorti hija tal-fehma illi fil-kaz odjern il-prelegati mhollija lil Salvu Vella, Rita Attard u Carmelo Vella ghandhom is-sahha ta' dikjarazzjoni affermattiva ta' stqarrija ta' kumpens.

Hawnhekk il-Qorti tikkondividi pjenament ma' dak li ntqal fis-sentenza fil-kawza "**Dr Edoardo Cutajar M.D. vs Teresa Xuereb et**"[38] fejn inghad illi legat rimuneratorju mholli ghall-hlas ta' servigi u alimenti li rrendietlu l-persuna gratifikata b'dak il-legat jammonta ghall-ammissjoni tad-dejn tat-testatur lejn dik il-persuna ghal dawk is-servigi. Fil-kaz odjern il-prelegat imur oltre minn hekk ghax kien jipprospetta ghall-futur, jigifieri ma kienx hlas ghal dak li nghata izda hlas li jinghata biss jekk is-servizz jinghata skont kif mistenni mit-testatrici u ghalhekk ir-riedni kien f'idejha l-hin kollu u mhux f'idejn l-ulied. Minhabba f'dan il-Qorti tqis li l-volonta' tat-testarici ghandha tkun osservata.

Di piu' mill-punto di vista guridiku, il-Qorti tosserva illi l-ligi taghna hija nterpretata fis-sens "**li biex il-legat hu ritenut rimuneratorju ghandu jirrizulta mit-testment stess u mhux minn provi barranin**"[39]. Kif gia spjegat fid-disposizzjoni relattiva tat-testment inkiteb bl-aktar mod car u inekwivoku li l-prelegati msemmija fit-tieni, it-tielet u r-raba Artikoli tat-testment ta' l-4 ta Settembru, 1999, kienu qieghdin jithallew lill-ulied hemm identifikati bhala hlas ta' servigi, kuri u assistenzi. In vista ta' dan kollu l-Qorti tqis li l-konvenuti rnexxielhom jippruvaw li l-prelegati kienu

[38] Prim Awla deciza 6 ta'Ottubru, 1951

[39] Esther Farrugia et vs Nutar Dr. Carmelo Farrugia noe, Appell, deciz 14 ta' Frar, 1938, u Joseph Brincat et vs Maria Zammit noe, Prim Awla, deciz 16 ta Frar, 1965.

tassew remunerjatorji u ghalhekk il-Qorti tqis li l-valuri taghhom ma ghandhomx jigu kkalkolati fil-komputazzjoni tas-sehem riservat.

***Legato di cosa altrui***

Minbarra n-natura remuneratorja taghhom il-legati msemmija huma wkoll *legati di cosa altrui*. L-artikolu 698 tal-Kap 16 jghid hekk :

*"Jekk it-testatur ikollu bicca mill-haga mhollija b'legat, jew jedd fuq dik il-haga, il-legat jiswa biss ghal dik il-bicca jew ghal dak il-jedd, kemm–il darba ma jkunx hemm dikjarazzjoni fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-haga ma kienitx tieghu kollha."*

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna illi tali dikjarazzjoni hija tassattiva. Infatti nghad li *"skont il-ligi taghna, hija kondizzjoni essenzjali ghall-validita tal-legat tal-haga ta haddiehor, id-dikjarazzjoni mit-testatur innifsu fit-testment tal-appartenenza tal-haga ta haddiehor.*

*Mhux rikjest ebda klaawsola jew forma specjali u hu wkoll indifferenti jekk it-testatur jiehu zball fl-identita tal-propjetarju, pero` huwa mehieg li jkun hem din id-dikjarazzjoni."*[40]

F'sentenza ohra[41] l-Qorti rigward l-Artikolu 698 tal-Kap 16 irriteniet li l-legat *di cosa altrui* ma jiswiex hlief jekk jkun hemm dikjarat fit-testment li t-testatur kien jaf li dik il-haga kienet ta' haddiehor u mhux tieghu. Il-Qorti rriteniet ukoll li jekk il-haga tkun biss in parti ta' terzi, il-legat jista' jkun validu biss fir-rigward ta' dik il-parti mill-oggett li jkun proprjeta' tat-testatur.

Fil-kaz odjern it-testatrici ghamlet id-dikjarazzjoni mehtiega kull fejn il-laxxitu kien ta' oggett li ma kienx taghha u ghalhekk il-legati huma validi.

---

[40] Paolo Zammit vs Rosa Zammit, Appell Civili, 28ta' Gunju, 1957.

[41] Carmelo Borg pro et noe vs Doris armla ta Carmelo Borg, Appell Civili, ,deciza 9 ta' Marzu, 1994

**Is-Sehem Riżervat – Artikoli 615 et. seq. Kap. 16.**

Stabbilita l-validita' tal-prelegati kif ukoll in-natura remuneratorja taghhom il-Qorti fid-dawl tat-talbiet ta' l-atturi ghas-sehem rizervat, ser tghaddi sabiex tistabbilixxi x'inhu s-sehem rizervat u tikkwantifikah.

L-istitut tas-sehem riservat huwa regolat mill-Artikolu 615 *et seq* tal-Kodici Civili. L- Artikolu 615 tal-Kap. 16 jipprovdi hekk :-

*"(1) Is-sehem riżervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa' ħaj.*

*(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:*

*Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139."*

Il-*quantum* tas-sehem riservat imbaghad huwa pprovdut permezz ta' l-Artikolu 616 li jghid hekk:

*"(1) Is-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ jew imnissla jew imwielda barra miż-żwieġ jew adottati, għandu jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erba' fl-għadd jew nofs ta'dak il-valur jekk ikunu ħamsa jew iżjed.*

*(2) Is-sehem riżervat jinqasam f'ishma daqsinsew bejn it-tfal li jmisshom minnu."*

Fil-kaz odjern ghalhekk, gialadarba wlied it-testaturi huma tmienja l-porzjon riservat li tispetta rispettivament lill-atturi huwa ta' sehem minn sittax (1/16) kull wieħed.

Biex il-Qorti tillikwida s-sehem riservat l-ewwel jenhtieg li ssir valutazzjoni ta' l-assi u dan ifisser illi jrid jigi stabbilit kemm kien jiswa dak il-gid fiz-zmien li nfetah il-wirt u fil-kundizzjoni li kien f'dak iz-zmien. Dan l-ezercizzju gie affermat mill-Qorti ta' l-Appell[42] fejn intqal li

*"ghall-finijiet ta' l-operazzjoni preliminari ta' komputa li hija r-riunjoni fittizja ta' l-assi ereditarju in kwantu diretta ghar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decuius (li l-ligi tikkunsidra bhala terminu ta' riferiment ghad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless ta' dik indisponibbli, anke biex talvolta tigi affermata jew eskluza l-ezistenza tal-lezjoni tal-legittima) bilfors wiehed irid jirriporta ruhu ghall-valuri fiz-zmien ta' l-apertura tas-successjoni, tenut kont, naturalment, f'dan ir-rigward, tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi relattivi ghall-kollazzjoni"*.

Is-sehem riservat jinhadem fuq il-wirt kollu (maghdud dak li t-testatur ikun ta' b'xejn matul hajtu wkoll bi hsieb taz-zwieg, wara li jitnaqqsu d-djun u ispejjez tal-funeral u dak il-gid kollazzjonabbli li l-legittimarju jkun ħh minghand it-testatur, u tinghata bhala kreditu tal-valur tas-sehem riservat mehlus minn kull piz jew kondizzjoni. Dan ukoll intqal mill-Qorti ta' l-Appell[43] fejn fejn gie konkluz li "*l-punt tat-tluq hu dak li jissejjah bhala rijunjoni fittizzja. Permezz ta' dan l-ezercizzju preliminari isir kalkolu tal-ammont li t-testatur seta' jiddisponi minnu (disposable portion) u l-parti li ma setax jiddisponi minnha. Din mhi xejn ghajr likwidazzjoni tal-gid tat-testatur. B'dan il-mod ikun jista' jigi determinat jekk fir-realta' kienx hemm lezjoni tas-sehem rizervat. Dan l-ezercizzju jrid isir b'dan il-mod:-*

*(a) Fl-ewwel lok ghandhom jingabru l-beni kollha fi zmien tal-ftuh tas-successjoni (relictum) u jinghata l-valur taghhom fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni;*

---

[42] Mary Anne Zammit et vs Antonia Ellul, Appell Civili, deciz fit-28 ta' Jannar, 2005.
[43] Avukat Chris Said noe vs Mary Ablea pro et noe, Appell Civili, deciz fit-28 ta' Mejju, 2010

*(b) Minn dan l-ammont ghandu jinqata' d-dejn;*

*(c) Mill-bilanc li jibqa' ghandu jizdied il-valur tal-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni. Fl-Artikolu 648(b) tal-Kodici Civili jinghad li din il-proprjeta` "shall be fictitiously added" mehud in konsiderazzjoni tal-valur tal-proprjeta fi zmien tal-apertura tas-successjoni izda fil-kondizzjoni li kienet meta nghatat id-donazzjoni. B'hekk inkunu nistgħu nsiru nafu jekk dak li ddispona minnu d-decujus (kemm matul ħajtu u wkoll permezz ta' dispożizzjonijiet testamentarji) jaqbiżx is-sehem li minnu seta' jiddisponi."*

Hawnhekk il-Qorti taghmel wkoll riferenza ghan-noti tal-Prof. V. Caruana Galizia dwar is-Successjoni, fejn f'pagna 1021 ighid hekk:-

*"Such addition is necessary because the portion of the deceased's property was saved by law in favour of certain persons cannot be diminished by any disposition under a gratuitous title. The 'legitima portio' is computed on the whole estate of the deceased, viz on the property which would have existed at the time of his death had he made no donations. The said addition is a fictitious one, a mere calculation which however may necessitate an actual addition for the purpose of the abatement, if it results that the donations madeby the deceased exceed the disposable portion. Subject to addition is any property given on donation to any person whatsoever, including those to whomthe legitima portio is due ... even if the testator has exempted any of the said persons from imputing the property received on donation to their rights. Equally immaterial is the cause of the donation, consequently to the deceased`s estate are added not only those made purely `animo donandi` but also those made in remuneration for services, or out of gratitude ..."*

F'kawza ohra[44] il-Qorti ikkonstatat li *"per la liquidazione di detta legittima si devono prendere in calcolo tutti i beni componenti l`asse ereditario del defunto … meno quelli lasciati in legato … perche quel legato, essendo rimuneratorio, fatto cio in pagamento e retribuzione di servigi, non e` compreso tra i legati a titolo gratuito contemplate nell`articolo 318 (illum, 620 (3) Kod. Civ) dell` Ordinanza*

[44]Anthony Haber pro et noe vs Marlene Miceli et, Prim Awla, deciza 30 ta Ottubru, 2014

*VII del 1868" [ara :- "Tommaso Cortis et vs Giovanni Dottrin et" – Prim'Awla tal-Qorti Civili - 17 ta' Novembru 1880]. Dan huwa hekk ghar-raguni illi laxxitu bhal dak hu meqjus bhala "legatum debiti", bil-konsegwenza li ma ghandux jifforma parti mill-wirt tad-decujus ghall-iskop tal-kalkolu tal-legittima jew tal-porzjon riservat.*

*Incidentalment, din tal-ahhar, ta' estrazzjoni Tedeska, topponi limitu ghall-komproprjeta' familjari in kwantu lit-testatur hi riservata kwota li hu jista' jiddisponi minnha liberament [ara : Guido Capozzi - "Successioni e Donazioni" - Giuffre` - 1983 – P.VI - Para 114, 276 ; "Motivo per cui essa non e` reducibile pel fine della liquidazione della legittima" ("Giuseppe Vella vs Assunta Bugeja et" - Prim`Awla tal-Qorti Civili – 13 ta` Novembru 1920)]."*

Irid jinghad ukoll illi bis-saħħa tal-Att XVIII tal-2004, is-sehem riservat inissel il-jedd ghall-imghaxijiet favur minghandu jedd ghalih fuq is-sehem li jkun imissu liema mghax jibda jiddekorri mid-data tal-ftuħ tas-successjoni jekk is-sehem riservat jintalab fi zmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att gudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun ghadda dak il-perjodu ta' sentejn .

**Valutazzjoni ta' l-assi**

Il-Qorti fliet ir-rapport li sar mill-Perit Tekniku mqabbad minnha, il-Perit Joseph Grech[45]. Fliet ukoll ir-rapport addizzjonali li sar mill-istess Perit u li jaghti valuri differenti – valur ghall-2013 u iehor tal-2018. Il-valur fis-sena 2018 sar wara nsistenza mill-partijiet billi l-policy li kienet tirregola l-bini fl-2013 inbidlet u fl-2018 kien hemm policy DC 2015, li kienet tippremetti zvilupp aktar intensiv u ghalhekk il-valur ta' dan l-ass zdied. Il-Qorti izda ma hix ser taddotta l-valuri ta' l-2018 u dana ghax kif gia nghad aktar 'il fuq il-valuri ta' l-assi jridu jkunu dawk fi zmien l-apertura tas-successjoni li fil-kaz odjern huwa l-2013. Il-Qorti ma ghandhiex il-liberta li tivvaluta l-assi skont kif jidhrilhom il-partijiet. Ma hemm xejn li jzomm lill-partijiet li jaslu ghall-qbil bejniethom fuq valutazzjonijiet li

[45] A fol 667 sa fol 692 tal-process

jaqblu dwarhom huma. Izda gia la l-partijiet ghazlu l-via gudizzjarja jridu jaccettaw li l-Qorti trid tapplika l-ligi kif imiss u ghalhekk hija tenuta li tapplika l-valuri kif kienu fl-2013, ma' l-apertura tas-successjoni.

Fid-dawl ta' dan din il-Qorti ghalhekk ser taddotta l-valutazzjonijiet ghas-sena 2013 li wasal ghalihom il-Perit minnha nominat u taghmilhom taghha u dana stante li kif huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza lokali " *…il guidizio del arte espress mill-esprt nominat minnha ma hux facli li jigi skartat. Biex taghmel dan il-Qorti jehtigilha tara jekk fil-kumpless tac-cirkostanzi dan il-gudizzju huwiex wiehed irragonevoli jew priv minn dawk l-elementi assodati li jwasslu ghal konvinciment*."[46]

Fid-dawl ta' dak gia espost aktar 'il fuq il-Qorti ser tqis biss il-valur tal-parti ta' l-art li tigi wara l-fond 12A, Triq l-Ghejjun, Xaghra, Ghawdex, hekk imsejha "Gnien" mill-perit Grech. **Il-valur li nghatat din l-art huwa ta' €30,000**[47];

Minbarra din l-art jirrizulta li Joseph u Francesca Saveria kellhom flus il-Bank. Rigward flus tal-missier Joseph Vella[48] mill-fatti pprezentati jirrizulta li Joseph kien imur jigbed il-flus pero' jrid jinghad li dak li zbanka t-testatur f'hajtu m'ghandux piz fuq il-kalkolu tas-sehem riservat. Jirrizulta wkoll li l-kont inghalaq meta minnu thallsu l-ispejjez tal-funeral li kien jammonta ghal disa'r mija u zewg ewro u sebgha u tmenin centezmu (€902.87)[49].

Minn naha l-ohra Francesca Saveria wkoll kellha kont u mill-atti jirrizulta li Salvu kien imur kull xahar jigbed hames mitt ewro (€500). Il-Qorti ma tqisx li dan l-ammont huwa wiehed esagerat meta minbarra Francesca Saveria d-dar kien hemm ukoll jghixu Salvu[50] u Rita u ghalhekk dawk il-flus riedu jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez ta' ikel, kontijiet tad-dawl u ilma u l-bzonnijiet ta' kuljum. Barra minn hekk la Salvu u lanqas Rita ma kienu

[46] Louis Gauci vs Angela Attard, Prim Awla, deciza 9 ta' Dicembru, 2002.
[47] A fol 712 tal-process
[48] A fol 228 sa fol 237
[49] A fol 237 tal-process
[50] Li ma kienx jahdem izda kien carer full time mall-genituri tieghu flimkien ma ohtu Rita.

jahdmu ghax l-gurnata kienu jqattghuha jduru bil-genituri taghhom. Huwa minnu wkoll u gie ppruvat li l-familja kienet tircievi ghajnuna fil-forma ta "*cleaner*" li kienet tmur darbtejn fil-gimgha biex tahsel l-art, izda dan zgur ma hux bizzejjed meta tqis il-htigijiet kbar li kellhom il-genituri tal-kontendenti. Huwa minnu wkoll li Salvu kien jircievi ammont zghir mill-Gvern talli kien qed jiehu hsieb il-genituri tieghu. Izda kif gia nghad aktar qabel fl-opinjoni tal-Qorti dan l-ammont iservi ta' ghajnuna addizzjonali u ma jistax jitqies li wahdu huwa bizzejjed ghall-hajja' kuljum.

L-istess izda ma jistax jinghad ghas-somma ta' hdax–il elf (€11,000) u s-somma l-ohra ta' erbat elef u hames mitt ewro (€4500) migbuda mill-konvenut Salvu Vella mill-kont ta' ommu. Matul il-kawza ma nghatat ebda spjegazzjoni ghaliex ingibdu tali flus f'daqqa u ghalhekk hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li s-somma ta' €15,500, eskluz sehem Salvu Vella mill-istess somma, ghandha tithallas minn Salvu Vella lil hutu li huma eredi ta' ommhom. L-atturi huma eskluzi billi huma rrinunzjaw ghall-wirt ta' ommhom[51]. Dan ifisser li Salvu jrid jghati lil hutu Rita, Fortunato, Joseph, Maria, u Carmelo s-somma ta' elfejn, hames mija u tlieta u tmenin ewro u tlieta u tletin centezmu (€2583.33) kull wiehed.

Matul il-kawza ssemmew ukoll is-snieter, vettura ta' l-ghamla Suzuki Alto, u l-imharet tal-hart u ghamara fid-dar eskluza dik l-ghamara li kienet tappartjenti lil Rita Attard personalment. Ma ngabet ebda prova dwar il-valur taghhom u ghalhekk il-Qorti qed *arbitro boni viri* taghtihom valur komplessiv ta' €10,000.

Mir-rapport redatt mill-Perit Joe Grech, il-Qorti tinnota li l-passagg li huwa passagg komuni, indikat bhala l-Porzjon A fil-pjanta annessa mar-rapport addizzjonali [52], ma nghatax valur ghas-sena 2013 izda nghata valur ghas-sena 2018. Il-Qorti ser tiehu l-valur ta' €4,000 u dan qed

[51] A fol 34 u fol 36 tal-process
[52] A fol 731 sa fol 734

taghmlu *arbiro boni viri* fuq bazi ta' ekwita' u biex ma jithallewx trufijiet li jistghu jwasslu ghall-aktar dizgwid bejn il-partijiet.

**Ikkunsidrat.**

**Likwidazzjoni tas-sehem riservat**.

Fl-isfond tal-premess jirrizulta li ghall-fini tal-likwidazzjoni tas-sehem riservat l-assi huma s-segwenti :

**Joseph Vella :**

**Attiv**

a) €15,000  bhala l-valur tan-nofs indiviz tal-art deskritta mill-perit tekniku bhala gnien
b) €5000, bhala nofs il-valur moghti *arbitro boni viri* kif gia spjegat aktar 'il fuq;
c) €2000, bhala nofs il-valur tal-porzjoni art immarkata "A" fuq il-pjanta

**Passiv**

a) l-ispejjez tal-funeral ammontanti ghal €902.87

Mit-total ta' €22,000 ghalhekk iridu jitnaqqsu l-ispejjez tal-funeral ammontanti ghal €902.87 li jgib **total ta' €21,097.13**

**Francesca Saveria Vella**

**Attiv:**

a) €15,000, bhala l-valur tan-nofs indiviz ta' l-art deskritta mill-perit tekniku bhala gnien;
b) €15,500 il-flus fil-kont mizmum HSBC bin-numru 071-039986-050;
c) €5000, bhala nofs il-valur moghti *arbitro boni viri* kif gia spjegat aktar 'il fuq;

d) €2000 bhala nofs il-valur tal-porzjon art immarkat A[53]

Dawn igibu total ta' **€37,500**

Billi s-sehem rizervat ta' kull wiehed mill-atturi huwa ta' wiehed minn kull sittax (1/16) tal-wirt, tenut kont ta' numru ta' l-ulied li kellhom Joseph u Francesca Saveria, kull wiehed mill-atturi ghandhom jiehdu minghand il-werrieta tal-missier bl-eskl' €1318.57 bhala kapital ta' sehem riservat mill-wirt tal-missier u s-somma ta' €2343.75 minghand il-werrieta ta' l-omm Francesca Saveria bhala kapital mis-sehem rizervat mill-wirt taghha.

**Il-kwistjoni tal-imghax**

L-atturi qeghdin jitolbu l-hlas tal-imghax skont kif jipprovdi l-Art 615 tal-Kap 16 li jaqra hekk[54] :-

(1) *Is-sehem rizervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet rizervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u minn mill-mara jew ir-ragel jibqa` haj.*

*(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem rizervat kontra l-beni tal-mejjet. Imghaxijiet bir-rata stabbilita` fl-artikolu 1139 ghandhom jigu mizjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuh tas-successjoni jekk is-sehem riservat jintalab fi zmien sentejn minn dik id-data jew mid-data tan-notifika ta' att gudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun ghadda dak il-perijodu ta' sentejn.*

[53] Dok JG27 a fol 734 tal-process

[54] Kien l-Att XVIII tal-2004 li dahhal l-imghax fuq il-valur tas-sehem rizervat fl-Art 615 tal-Kap 16. Fl-Art 116(2) ta` dak l-Att jinghad illi t-tibdil effettwat fir-rigward tal-Art 615 kellu jghodd biss ghas-successjonijiet illi jkunu infethu u sehhew wara d-dhul fis-sehh tal-Att. Fil-kaz tal-lum l-emendi huma applikabbli ghaliex it-testatrici mietet fis-28 ta` Jannar 2013 meta l-Att kien diga` dahal bis-sehh.

*Izda l-Qorti tista' fejn ic-cirkostanzi tal-kaz hekk jehtiegu, tiddeciedi li ma jinghatax imghax jew tistabbilixxi rata ta' imghax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.*

L-Art 1139 tal-Kap 16 jaqra hekk :

*Bla ħsara ta' kull disposizzjoni oħra tal-liġi dwar il-garanzija u s-soċjeta', jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta` somma determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien tal-esekuzzjoni tagħha jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq is-somma li jkollha tingħata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena.*

Il-Qorti fliet il-process kollu u tinnota li ma gietypprezentata ebda ittra ufficjali minkejja li din issir referenza ghaliha fir-rikors guramentat.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-atturi jammettu li naqsu milli jipprezentawha fl-atti. Jghidu wkoll li pprezentawha man-nota taghhom. Jirrizulta li lanqas man-nota ta' sottomissjonijiet ma giet ipprezentata. Irid jinghad madankollu li prova tant krucjali ghat-talba ta' hlas ta' imghax ma setghet qatt tigi pprezentata bhala prova man-nota ta' sottomissjonijiet izda riedet tigi pprezentata fl-istadju tal-provi ta' l-atturi. In-nuqqas ta' din il-prova ghalhekk timmina t-talba ta' l-atturi ghall-imghax fuq is-sehem riservat.

**Immissjoni fil-pussess.**

Fil-konfront ta' din it-talba l-konvenuti Salvu Vella u Rita Attard fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom iqajmu l-argument illi fil-kaz odjern ghandu japplika d-dispost ta' l-Artikolu 869 tal-Kodici Civili. Jaffermaw li l-Qorti, kif kienet diversament preseduta l-ewwel accettat ir-risposta guramentata ulterjuri taghhom fuq il-punt imqajjem minnhom, u imbaghad in segwitu ghad-digriet taghha tas-7 ta' Marzu, 2019, ordnat l-isfilz ta' l-istess. Huma jargumentaw illi dan ma setax

isir u jghidu wkoll li l-Qorti ghandha bilfors tiehu in konsiderazzjoni l-Artikolu citat fis-sentenza taghha.

Il-Qorti, fl-ewwel lok tirrileva illi mit-ton addottat minn dawn il-konvenuti donnhom li qed jappellaw mid-digriet tas-7 ta' Marzu, 2019 moghti minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta. Pero' nota ta' sottimissjonijiet hija biss rassenja tal-fatti u provi rakkolti, migbura flimkien mill-esponent, minflok jew b'rabta mat-trattazzjoni finali u zgur li ma hix il-mezz li bih xi hadd mill-partijiet jappella minn xi digriet.

Tenut kont ta' dan il-Qorti ser tixtarr l-argument sollevat minn dawn iz-zewg konvenuti u cioe' li l-atturi b'eghmilhom accettaw il-wirt u allura kienu fl-obbligu li josservaw id-dispost ta' l-Artikolu 689 tal-Kodici Civili.

Skont l-Artikolu 726 tal-Kodici Civili (Kap. 16): *"Il-legatarju ghandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-haga imhollija legat"*.

Il-Profs. Caruana Galizia jghallimna li *"even though such thing is determinate and found to exist in the estate at the time of the death of the testator. Possession vests by law in the heirs (Section 838)2, and it is for this reason that the legatee must demand it of the heirs. The transfer of possession is effected by means of delivery of the thing"*[55] (*Notes on Law of Succession*, p. 1047).

L-Qorti ser taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell[56] , fejn irriteniet li l-proprjeta' libera tal-legat tappartjeni lil-legatarju sa mill-gurnata tal-mewt tat-testatur. Infatti l-istess legatarju huwa paragunat bhala *"kreditur"* tal-wirt. Bhala *"kreditur"*, l-oggett ma jkunx f'idejh qabel ma jinghata l-pussess tal-oggett tal-kreditu. F'sentenza ohra mill-Qorti tal-Appell[57] intqal li l-immissjoni fil-pussess tal-legat hija *"c-cavetta"* ta' l-istitut kollu. L-immissjoni fil-pussess tista' tinghata jew espressament jew tacitament, u jinghad li hemm immissjoni fil-

---

[55] Notes on Law of Succession, Pg 1047

[56] Baldacchino noe vs Mifsud noe, deciza fid-29 ta' Ottubru, 1999

[57] Borg vs Vella et ,deciza fit-3 ta' Marzu, 1995

pussess tacita, meta l-legatarju jiehu pussess materjali ta' l-oggett u l-eredi ma jaghmilx oppozizzjoni.

Fil-kaz odjern ma jirrizulax li l-atturi hadu pussess materjali ta' l-oggett billi mhux kull attivita' jew azzjoni tammonta ghall-espressjoni ta' pussess materjali. Irid ikun hemm kontinwita' u permanenza u azzjonijiet li jindikaw dan. F'dan l-istadju jkun utli li jigu traccati l-principji rilevanti:-

(a) L-accettazzjoni ta' legat tista' tkun espressa jew tacita; *"hija tacita meta l-legatarju jaghmel xi att li bilfors ifisser li hu ried jaccetta l-legat, u li ma kienx ikollu l-jedd li jaghmel jekk mhux bhala legatarju; bhal ma huwa l-att tal-legatarju li jitlob u jircievi hlas ta' flus akkont tal-legat, li jezigi u jircievi l-imghax fuq il-legat, u jitlob u jottjeni minghand l-amministratur tal-wirt gravat bil-legat prospett tal-bilanc lilu dovut mill-legat"*[58];

(b) L-immissjoni fil-pussess hi mehtiega wkoll fejn il-legatarju hu wiehed mill-werrieta tat-testatur[59] , u fejn il-legat hu deskritt bhala prelegat.

Hemm ukoll gurisprudenza li tghid li legatarju li ghandu l-pussess bil-kunsens tacitu tal-werrieta, m'ghandux bzonn li jaghmel domanda formali lill-werrieta sabiex ikun hemm pussess legittimu[60];

Minn rassenja ta' gurisprudenza lokali jidher li l-fehma l-iktar prevalenti hi li mal-mewt tad-decujus il-proprjeta' tal-legat tghaddi favur il-legatarju, mentri l-pussess hu trasferit lill-eredi –

*"Ghandha ssir distinzjoni bejn il-pussess ta' legat u l-proprjeta' ta' l-istess legat; ghax il-pussess jghaddi 'per modum continuations' fl-eredi, u jkun l-identiku pussess li kellu d-decujus fil-gurnata tal-mewt tieghu, u ghalhekk il-legatarju hu obbligat jitlob il-pussess lill-eredi, mentri l-proprieta', jew id-"dritt" ghall-haga legata, ssir tal-legatarju mill-gurnata ta' l-apertura tas-successjoni bis-sahha unikament tad-dispozizzjoni testamentarja, minghajr in-*

[58] Francesco Caruana et vs Valentina Caruana **et,** Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza fid-9 ta' Dicembru 1955 – Vol. XXXIX.ii.775

[59]Rinaldo Wismayer vs Mario Wismayer nomine,Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza fl-14 ta' Marzu 1946

[60] Vincenza Cassar vs Herbert L.W. Hare deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Novembru 1923 – Vol. XXV.i.659 u Salvatore Sciberras vs Antonio Sciberras et deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Marzu 1941 – Vol. XXXI.ii.23

*necessita` ta' ebda att da parti tal-legatarju, u sahansitra ad insaputa tieghu, u kwindi indipendentement mill-immissjoni tieghu fil-pussess tal-legat[61]"*

Permezz ta' sentenza ohra[62] gie osservat li *"Hu ormai materja ta' jus receptum illi, ghalkemm il-proprjeta' tal-legat tghaddi, mal-mewt tad-decujus, favur il-legatarju, il-pussess tal-legat hu trasferit lill-eredi; ghalhekk tehtieg it-talba tal-legatarju ghall-pussess tal-legat (ara sent. Kollez. Vol. XXI p. 492; XXVIII. Pp 537-543; u Vol. XXIX.i.683)"*

Din il-linja ta' hsieb giet kontestata fl-1995 meta l-Qorti ta' l-Appell[63] ikkonkludiet li l-Artikolu 721 tal-Kodici Civili jaghti lil-legatarju, minn dakinhar li jmut it-testatur, *"…. jedd……. li jircievi l-haga mhollija lilu bil-legat"* u ghalhekk sa dak l-istadju l-haga *"…ma tkunx ghadha ghddiet defenittivimanet biex tifforma parti mill-patrimonju tieghu"*. In sostenn ta' l-argument, il-Qorti ghamlet referenza ghall-insenjament tal-gurista Francesco Ricci li ma kienx tal-fehma li l-legatarju jsir proprjetarju hekk kif imut it-testatur; *"e' principio infatti fondamentale che una cosa non puo' entrare a far parte del patrimonio di un individuo, se esso non vi consenta. Puo chichessia rinunciare al diritto che a lui compete di proprieta' su una cosa determinata, e puo' volere che questo diritto vada a far parte del patrimonio altrui; ma cio' solo non basta perche' la cosa abbia senz'altro a ritenersi come definittivamente entrata nel patrimonio di colui al quale si vuole trasferire…."*.

L-immissjoni fil-pussess ghandha tintalab lill-eredi ta' decujus. Hu maghruf li *"jekk l-imsejhin ghall-eredita' ma jkunux accettaw l-eredita', it-talba ghall-immissjoni fil-pussess tal-legat issir kontra l-eredita' rapprezentata minn kuraturi"[64]*

In oltre *"… it-talba tal-pussess ghandha ssir fil-konfront ta' l-eredi jew ta' l-eredita', bhala dawk jew dik li ghandhom il-pussess legittimu; anke jekk ma ghandhomx il-pussess materjali, konformement ghall-art. 763 li jsemmi l-werriet bhala dak li lilu ghandha ssir it-talba"[65]* .

---

[61] Stella Briffa et vs Caterina Scicluna et, Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza fis-26 ta' Gunju 1959 – Vol. XLIII.ii.759).,

[62] Carmela Sammut vs Avukat Dr. Giuseppe Sacco Qorti ta' l-Appell, deciza fil-21 ta' Mejju 1955 (Vol. XXXIX.i.473)

[63] Joseph Borg vs Emanuele Vella et, Qorti ta' l-Appell ,deciza fit-3 ta' Marzu 1995

[64] John Mauro Micallef et vs Maria Zammit, Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza fit-13 ta' Mejju 1953 – Vol. XXXVII.ii.701).

[65] Rinaldo Wismayer vs Mario Wismayer nomine Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza fl-14 ta' Marzu 1946 – Vol. XXXII.ii.264

Il-konvenut Salvu Vella fin-nota responsiva tieghu jargumenta li gia la darba l-atturi accettaw il-legat imholli lilhom dan jammonta ghall-accettazzjoni tal-wirt u ghalhekk kellhom josservaw id-dispost ta' l-Artikolu 869 tal-Kodici Civili sabiex jirrinunzjaw ghall-wirt. Jghid ukoll li gia la darba huma ma ghamlux hekk allura r-rinunzja li ghamlu hija minghajr effett u konsegwentement huma werrieta. Il-Qorti izda tinnota lill-Artikolu 869 tal-Kodici Civili jipprovdi – "**illi jkollhom fil-fatt il-pussess tal-hwejjeg tal-wirt**". Din hija l-frazi cavetta billi min jallega (Salvu Vella) li l-imsejjah ghall-wirt (l-atturi) kisru d-dispositiv ta' dan l-artikolu jinhtieglu jipprova li huma in effetti kellhom fil-pussess taghhom il-hwejjeg tal-wirt. Din il-prova ma saritx. L-argument tal-konvenut li gia la darba l-atturi accettaw il-legat imholli lilhom huma kellhom l-obbligu li josservaw dak provdut fl-artikolu 869 tal-Kodici Civili huwa zbaljat u dan fid-dawl ta' dak ipprovdut fl-Artikolu 862(2) tal-Kodici Civili li jghid li r-rinunzja ma ttellfix il-jedd li jintalbu l-legati mhollija. Dan ifisser li min jaghzel li jirrinunzja ghall-wirt jista' jitlob li jigi ammess fil-legat imholli u l-fatt li jaccetta l-legat ma hix prezunzjoni li accetta l-wirt. L-accettazzjoni ta' legat ma hix ekwivalenti ghall-pussess effettiv tal-hwejjeg tal-wirt. Ghalhekk il-Qorti tqis li l-argument tal-konvenut ma jregix.

Barra minn hekk l-Qorti taqbel ma' dak li ntqal fis-sentenza[66] fejn kien osservat li *"Biex din id-difiza jew att taghhom kellu jitqies accettazzjoni tacita` "dan ried ikun tali li certament, necessarjament u univokament, minnu ma tkunx tista' tigi nferita konsegwenza ohra hlief dik li min ghamlu ried jaccetta l-eredita`. U l-prova li l-att ikun jirrivesti dawn il-karattri jinkombi lil min jallega li dak l-att jirrivesti dawn il-karattri" ("**Nobbli Rosario Ferro Attard Montalto –vs- Nobbli Charles Vella Bonavita et**", Prim' Awla, Qorti Civili, 14 ta' Dicembru 1966). Ghall-esposizzjoni aktar ampja fuq din it-tema ara decizjoni flismijiet "**Clementina Farrugia et –vs- Maddalena Farrguia et**", Appell Civili, 30 ta' April 1962".* Ziedet tghid ukoll li *"…jinsab ukoll akkolt illi "nel dubbio, quando si tratta di questioni relative ad una accettazione di eredita`, si deve decidere per la dichiarazione di non essere stata accettata l' eredita`" ("**Teresa Mangion et –vs- Paolo Deguara**", Prim' Awla, Qorti Civili, 30 ta' Ottubru 1884 riportata a Vol X pagna 596)".*

Dan kollu apparti l-fatt li fin-nota ta' l-eccezzjonijiet il-konvenuti Salvu Vella u Rita Attard ma oggezzjonawx ghall-immissjoni fil-pussess.

[66] Orazio sive Grazio Cutajar vs Emmanuele Cutajar et, deciza fit-3 ta' Ottubru 2003

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qieghda tiddisponi mit-talbiet u mill-eccezzjonijiet billi qieghda taqta' u tiddeciedi:

1.Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Salvu Vella;

2. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Carmel Vella;

3.**Tilqa' l-ewwel talba** ta' l-atturi u tiddikjara li l-beni formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti tal-mejtin Joseph u Francesca Saveria Vella kienu jikkonsistu fil-bicca art hekk imsejha gnien fuq wara tal-fond 12A, Triq l-Ghejjun, Xaghra, Ghawdex, u l-ghamara li tinsab gewwa l-istess fond eskluz l-ghamara proprjeta' ta' Rita Attard, il-porzjon art immarkata bl-ittra "A" fuq il-pjanta a fol 36, zewg imharet u vettura Suzuki Alto bin-numru ta' registrazzjoni ABH 103;

**4.Tilqa' t-tieni talba** billi tiddividi l-kommunjoni ta' l-akkwisti f'zewg porzjonijiet billi tiddikjara li:

a) sehem **Joseph Vella** mill-kommunjoni ta' l-akkwisti jikkonsisti:

i)f'nofs indiviz mill-gnien fil-fond 12A, Triq l-Ghejjun, Xaghra, Ghawdex;
ii) nofs indiviz mill-porzjon art immarkata "A" fuq il-pjanta[67];
iii) f'nofs indiviz ta' l-ghamara li tinsab gewwa l-istess fond eskluz l-ghamara propjeta ta' Rita Attard;
iv)f'nofs indiviz taz-zewg imharet u nofs indiviz tal-vettura Suzuki Alto bin-numru ta registrazzjoni ABH 103;

b) sehem **Francesca Saveria Vella** mill-kommunijoni ta' l-akkwisti jikkonsisti:

i)f'nofs indiviz mill-gnien fil-fond 12A, Triq l-Ghejjun, Xaghra, Ghawdex;
ii) nofs indiviz mill-art immarkata bl-ittra "A" fuq il-pjanta msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan;

---

[67] A fol 32 tal-process

ii) f'nofs indiviz ta' l-ghamara li tinsab gewwa l-istess fond eskluz l-ghamara proprjeta' ta' Rita Attard;
iii)f'nofs indiviz taz-zewg imharet u nofs indiviz tal-vettura Suzuki Alto bin-numru ta' registrazzjoni ABH 103;

5. **Tilqa' t-tielet talba** u tiddikjara li l-beni partikolari ta' Joseph Vella jikkonsistu f'sehmu mill-kommunjoni ta' l-akkwisti kif gia stabbilit fil-paragrafu (4)(a) ta' qabel dan kif ukoll mis-segwenti:

i) L-Art maghrufa bhala "Tad-Dabrani" limiti taz-Zebbug, Ghawdex tal-kejl circa mija seba' u tmenin metro kwadru (187m.k);
ii) L-Art maghrufa bhala "Tal-Fellies" limiti tax-Xaghra Ghawdex, tal-kejl circa mija seba' u tmenin metro kwadru (187m.k);
iii) L-Art maghrufa bhala "Tal-Maghqad" limiti tax-Xaghra, Ghawdex, tal-kejl circa mija seba' u tmenin metro kwadru (187m.k);
iv)L-Art maghrufa bhala "Ta Cassia", limiti taz-Zebbug, Ghawdex, tal-kejl circa mija seba' u tmenin metro kwadru (187m.k);
v) L-Art maghrufa bhala "Tas-Seqer" limiti Ta' l-Ghasri, Ghawdex tal-kejl circa mija seba' u tmenin metro kwadru (187m.k);

6.**Referibbilment ghar-raba u l-hames talbiet** fil-waqt li tordna l-immissjoni fil-pussess favur l-atturi ta' l-artijiet imhollija bi prelegat lilhom tinnomina lin-Nutar Pubbliku Dottor Enzo Dimech, sabiex nhar il-Hamis 25 ta' Frar, 2021, fil-11.00am fil-Qorti, ir-Rabat Ghawdex, jassikura li l-erba' porzjonijiet art imhollija bi prelegat lill-atturi u lil Fortunato Vella u Maria Borg jittellghu bix-xorti u jigu assenjati bejn l-erba' ulied msemmija kif ukoll sabiex dak inhar jippubblika l-att ta' l-immissjoni fil-pussess. Tinnomina lill-Avv. Dr. Joseph Grech bhala kuratur sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-iskrittura. Tordna wkoll li l-ispejjez ta' l-att ghandhom ikunu sopportati mill-atturi hlief ghal dawk l-ispejjez dovuti lill-kuratur nominat, li ghandhom ikunu a karigu tal-konvenuti fl-eventwalita' ta' kontumacja da parti taghhom.

7.Tiddikjara li kull wiehed mill-atturi ghandu jiehu s-somma ta' elf tliet mija u tmintax-il ewro u sebgha u hamsin centezmu (€1318.57) bhala sehem riservat spettanti lil kull wiehed minnhom mill-wirt ta' Joseph Vella u tichad it-talba ghall-hlas ta' interessi;

8.Tiddikjara li l-assi ta' Francesca Saveria Vella kienu jikkonsistu f'sehemha mill-kommunjoni ta' l-akkwisti kif gia stabbilit fil-paragrafu (4)(b) aktar 'il fuq kif ukoll mis-segwenti:

i) Il-fond 12A,Triq l-Ghejjun Xaghra, Ghawdex;
ii) €15,500 fil-kont HSBC bin-numru 071-039986-050;

9.Tiddikjara li kull wiehed mill-atturi ghandu jiehu s-somma ta' elfejn tliet mija u tlieta u erbghin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€2343.75) bhala sehem riservat spettanti lilhom mill-wirt ta' Francesca Saveria Vella u tichad it-talba ghall-hlas t'interessi.

10.Tordna lill-konvenut Salvu Vella sabiex ihallas is-somma ta' elfejn hames mija u tlieta u tmenin ewro u tlieta u tletin centezmu (€2583.33) lil kull wiehed u wahda minn hutu li huma eredi ta' ommhom.

Tordna li kull wiehed mit-tmien (08) kontendenti jhallas wiehed minn tmienja (1/8) ta' l-ispejjez ta' din il-kawza.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat.

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur